

# DAWL FRANĠISKAN

## LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

GĦADD 371 ĠUNJU | LULJU 2017 IS-37 SENA
NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ

3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Il-Vaganzi. Relax jew Rikreazzjoni? Viva l-vaganzi! Viva s-safar! Viva l-baħar!

5 Poeżija
Il-Kav. Joe M. Attard
Frenċ tal-Għarb. F'għeluq il-50 sena minn mewtu – 19 ta' Mejju 2017

6 Mill-Kitbiet li Ħallielna
P. Donat Spiteri OFMCap
L-Amministratur Ħażin

8 L-Istorja tal-Kapuċċini f'Malta
Winston L. Zammit B.A. (Hons) P.G.C.E., M.A.
Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1890-1899) (L-Ewwel Parti)

10 Pastorali tas-Saħħa
Fr Mario Attard OFMCap
"Kont marid u ġejtu tikkurawni" Għalfejn il-Mulej ma jħobbniex? Għalfejn ħadilna din it-tifla?

12 Pastorali Vokazzjonali
Br Miguel Zammit OFMCap
Jum il-Vokazzjonijiet

14 Knisja Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap
L-era diġitali tgħinna nsawru d-dinja b'messaġġ Nisrani u nibnu l-fraternità universali

16 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

19 Poeżija
Fr Wistin Attard OFMCap
Tifkira tal-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa (1917 – 2017)

20 Spiritwalità Franġiskana
Fr Ivan Scicluna OFMCap
Terremoti fi Spello! (L-Ewwel Parti)

22 Il-Belt Valletta – Ġawhra Unika (6)
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Il-Palazz tal-President u l-Armerija

24 Preservazzjoni ta' monumenti f'pajjiżna
Gordon Cilia
Il-Palazz tal-President fi Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta

26 Volontarjat fl-Artijiet tal-Missjoni
Karibu! Malta

28 Eku tal-Eżortazzjoni Appostolika *Amoris Laetitia* tal-Papa Franġisku
l-Imgħallem huwa qrib dawk ta' qalbhom imweġġgħa (It-3 Parti)

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMCap
Annimali fil-Bibbja (1) Nru 38
Tisliba Nru 157




Meta nkunu mistrieħa nħossuna ferm trankwilli, l-iebes u l-ikrah jibqa' iebes u ikrah, imma l-fatt li għandna s-saħħa niffaċċjawh jgħinna nġorruh bil-kuraġġ. Nistakru li l-mistrieħ jġib miegħu:

- il-paċenzja li nissaportu,
- il-kapaċità li nisimgħu b'attenzjoni,
- il-qawwa li nittolleraw u nikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħna,
- spirtu ta' ottimiżmu u ma narawx l-ikrah biss,
- relazzjonijiet aktar b'saħħithom,
- u fuq kollox insiru bnedmin li kulħadd jieħu gost magħna.
- F'kelma waħda nsiru nies!

Bord Editorjali

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949
Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789

© Dawl Franġiskan 2017
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Editorjal
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

# IL-VAGANZI
## Relax jew Rikreazzjoni?
### Viva l-vaganzi! Viva s-safar! Viva l-baħar!

Is-sajf: sħana, għaraq, nemus, ġiri, ħruġ, barbikjus, festi, divertiment... fi ftit kliem, żmien il-mistrieħ. U x'jiġri jekk ma nistriħux? Nervi, gdiedem, għeja, tensjoni, stress... U min se jbati minn dan kollu? Aħna l-ewwel imsieken, u sfortunatament ta' madwarna msieken bħalna! Meta nkunu għajjiena l-iċken ħaġa ssir kbira, l-iċken inċident isir traġedja. Moħħna jiddallam, qalbna tiħrax, kliemna jsir iebes, għemilna jsir goff, ilsienna jweġġa' u nsiru bnedmin egoisti! Allaħares min ixellifha magħna jew jikkuntrarjana. Qisha l-għeja toħroġ minna b'ħafna rabja u f'direzzjoni żbaljata.

Għall-kuntrarju, meta nkunu mistrieħa nħossuna ferm trankwilli, l-iebes u l-ikrah jibqa' iebes u ikrah, imma l-fatt li għandna s-saħħa niffaċċjawh jgħinna nġorruh bil-kuraġġ. Niftakru li l-mistrieħ iġib miegħu:

- il-paċenzja li nissaportu,
- il-kapaċità li nisimgħu b'attenzjoni,
- il-qawwa li nittolleraw u nikkontrollaw l-emozzJonIJlet tagħna,
- spirtu ta' ottimiżmu u ma narawx l-ikrah biss,
- relazzjonijiet aktar b'saħħithom,
- u fuq kollox insiru bnedmin li kulħadd jieħu gost magħna.
- F'kelma waħda nsiru nies!

**IMMA** (għax f'kollox hemm l-imma!) anke l-mistrieħ jista' jkun għajn ta' inkwiet u ħsara! Forsi mhix attitudni tajba li nkunu ***relax***... imma ħażIn Jekk **nintelqu**! Ħaġa tajba li nkunu ***relax***... imma mhux li nsiru indifferenti lejn il-ħtiġijiet spiritwali tagħna u lejn il-bżonnijiet ta' dawk ta' madwarna għax qegħdin vaganza. Kemm nies, bi skuża li għandhom bżonn jirrilassaw, jintelqu għalkollox u jħallu l-pjaċir u l-gost jiġri bihom... 'għax issa vaganzi, issa rrid nistrieħ'! U xi wħud, biex jistrieħu, jibdew:




- jixorbu bla rażan,
- ipejpu bl-addoċċ,
- jintelqu fi mġiba mhux xierqa,
- jitgħażżnu u jorqdu sigħat bla tmiem,
- jonfqu kemm jifilħu – 'għax issa vaganzi u ntuha għall-ħela',
- jgħaddu ħin twil quddiem it-televiżjoni jew l-internet,
- jinsew id-dieta bilanċjata,
- addijo kotba u studju,
- ġiri mal-ħbieb u mal-familja xejn,

- ħin għat-talb ma jeżistix… u l-lista ma tispiċċa qatt…
- addijo dixxiplina, addijo prinċipji, addijo valuri, addijo saħħa tar-ruħ u tal-ġisem! Għax issa vaganzi! U allura nieħdu vaganza mis-saħħa tar-ruħ u tal-ġisem, minn dak li nemmnu fih, minn Alla u minna nfusna! U l-vaganzi jsiru ħarba sfrenata li twassalna għal ħajja diżastruża. U l-konsegwenzi xi jkunu?

Flok il-kelma 'relax' fl-antik konna nużaw il-kelma 'rikreazzjoni'. Ma tantx għadek tismagħha llum. Mur ġibek sejjer Paceville biex 'tirrikrea' ruħek! Mhux kulħadd imur hemm 'to have fun'?

**Imma**… min jaf kieku nerġgħu ndaħħlu din il-kelma fil-vokabolarju tagħna? Għax tirrikrea ruħek tfisser li **toħloq mill-ġdid dak li hemm sabiħ u tajjeb ġewwa fik**. Il-piż tal-ħajja ta' kuljum spiss inawwar dan is-sabiħ u t-tajjeb li għandna. L-għeja tkun gerrmitilna l-egħżeż prinċipji u valuri tagħna. Ir-'**rikreazzjoni**' hija t-tip ta' mistrieħ li jerġa' joħloq fina dawn il-prinċipji u l-valuri u jsaħħaħhomlna mill-ġdid.




- Min jaf kieku ssiefer mhux biss biex taħrab mit-tensjonijiet tal-ħajja imma wkoll biex tiskopri r-rikkezzi tan-natura u tal-kultura ta' pajjiżi oħra?
- Min jaf forsi l-mistrieħ tiegħek iservi biex tkabbar il-qawwa li għandek biex tapprezza s-sabiħ ta' ġo fik u ta' madwarek?
- Min jaf kieku fil-mistrieħ tiegħek flok tara programm vojt fuq it-televixin tikri xi film li għandu valuri sbieħ x'jgħallmek?
- Min jaf kieku fil-mistrieħ tiegħek tiddedika ftit ħin ma' xi ħadd anzjan ġar tiegħek?
- Min jaf kieku flok tintelaq hemm ħdejn il-baħar, tittanta x-xemx għaddejja, taqbad ktieb interessanti li għandu x'jgħallmek?
- Min jaf kieku flok torqod tard sa nofsinhar, taqbad passatemp, tmidd idek biex taħdem biċċa injama, ftit arkell, tieħu r-ritratti, titgħallem xi strument, tagħmel il-ganutell? Min jaf… forsi tiskopri li int kapaċi għal xi ħaġa li qatt ma ħlomt li tagħmel!
- Min jaf kieku flok tpaċpaċ biss mal-ħbieb bi kliem fieragħ tiddeċiedi li tpaċpaċ ftit mal-Ħallieq tiegħek, biex bħalu int ukoll issir artist? Kwarta miegħu tiswa daqs elf siegħa ddur fil-vojt!

Mela, ħabib/a, dan is-sajf f'dawn il-vaganzi kun tassew *relax* imma tintelaqx! Fittex kif ser tifraħ u tferraħ tassew u mhux biss kif se tieħu gost u pjaċir! Tinsiex, uża l-ħin liberu tiegħek biex **tirrikrea** ruħek, biex toħroġ mill-vaganzi persuna ġdida!

## Jekk matul il-vaganzi tas-sajf tieħu din l-attitudni, tkun tista' tgħid tassew

## 'Viva l-Vaganzi!'





**HU… u jien**

ta' **GABRIELLE BOSSIS**

maqlub għall-Malti minn

**SR ROSA MUSCAT FMM**

Ktieb li kulħadd għandu

mhux biss jakkwistah u jaqrah

imma fuq kollox jimmeditah u jgħixu

**JINSAB GĦALL-BEJGĦ**

**FIL-LIBRERIJI KOLLHA**

**għall-prezz ta' €6**



Poeżija

IL-KAV. JOE M. ATTARD

# FRENĊ TAL-GĦARB

## F'GĦELUQ IL-50 SENA MINN MEWTU • 19 TA' MEJJU 2017

Insellmilkom, ħbieb. Illejla
Aħna ltqajna lkoll flimkien –
Ħamsin sena taru, marru.
O, kif jitgerbeb iż-żmien!

Mindu Frenċ tal-Għarb ħalliena
Biex jiltaqa' mal-Ħallieq,
Li lejh dejjem irrikorra
U baqa' f'tiegħu t-triq

Sakemm huwa għajnejh għalaq
Għal did-dinja tal-bnedmin,
Fejn kiber, ħadem u bata –
Ma ħeliex tiegħu l-ħin.

Kien għadu daqsxejn ta' tifel
Sewwasew ta' tnax-il sena
Meta kellu t-tagħlim jitlaq
Biex fl-għelieqi l-futur bena,

Sabiex il-familja tiegħu,
Magħmula minn tnax-il wild,
Loqma ħobż tkun tista' tiekol
B'ħafna mħabba, mingħajr fsied!



Il-palk f'raħlu kien iħobbu,
Sehmu tah mingħajr tnikkir,
U l-parti minn tal-buffu
Qalgħetlu ħafna tifħir!

Ħafna nies lejh kienet tersaq
Meta jirkibha l-inkwiet;
Frenċ, bit-talb u l-pjanti tiegħu,
Lilha jbiegħed mill-imwiet!

F'Ta' Pinu u fl-Ewkaristija
Frenċ kien jafda lejl u nhar.
'Għidli ftit,' kien spiss itenni,
'F'min nista' nafda aħjar!'

Illum lilhom qed igawdi
Fil-għoli minn tas-smewwiet.
Minn hawn mar u ħalla kollox
Matul is-sittinijiet.

Niesna ma nsietx lil dar-raġel
U għamlitlu monument,
Sabiex fih tiftakar, titlob,
F'ta' ħajjitha kull mument!





Mill-Kitbiet li Ħallielna
P. DONAT SPITERI OFMCAP

# L-AMMINISTRATUR ĦAŻIN

**Lq. 16, 1-13**
[1]Qal ukoll lid-dixxipli tiegħu: "Kien hemm raġel
għani li kellu amministratur, u lil dan xlewh lil
sidu li kien qiegħed iberbaqlu ġidu. [2]Għalhekk
is-sid sejjaħlu u qallu, 'Dan x'inhu li qiegħed
nisma' fuqek? Agħtini kont tal-amministrazzjoni
tiegħek, għax ma tistax tibqa' iżjed
amministratur tiegħi.' [3]L-amministratur bejnu
u bejn ruħu qal, 'Issa x'sejjer nagħmel, ladarba
sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur
nagħżaq? Ma niflaħx. Nittallab? Nistħi. [4]Naf
x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din
l-amministrazzjoni nsib lil ħaddieħor li jilqagħni
għandu.' [5]U wieħed wieħed bagħat għal dawk li
kellhom jagħtu lil sidu. 'Kemm għandek tagħtih
lil sidi?' staqsa lill-ewwel wieħed. [6]'Mitt barmil
żejt,' wieġbu dak. 'Oħroġ il-karti tiegħek,' qallu
l-amministratur, 'oqgħod bilqiegħda malajr u
ikteb ħamsin.' [7]Lil ieħor staqsieh, 'U int kemm
għandek tagħti?' 'Mitt xkora qamħ,' wieġbu.
Qallu, 'Oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin.'
[8]U s-sid faħħru lil dak l-amministratur diżonest
talli ħadem b'rasu. Għax ulied din id-dinja jimxu
bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min
hu tal-qatgħa tagħhom. [9]U jiena ngħidilkom:
agħmlu għalikom infuskom ħbieb bis-saħħa
tal-qligħ diżonest, ħalli meta jonqoskom,
jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem. [10]Min hu fidil
f'ħaġa tassew żgħira hu fidil ukoll fil-ħafna; min
hu diżonest f'ħaġa tassew żgħira hu diżonest
ukoll fil ħafna. [11]U jekk ma wrejtux ruħkom fidili
fil-qligħ diżonest, min se jafdalkom il-ġid veru?
[12]U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta'
ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?
[13]Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien, għax
jew ikun jobgħod lil wieħed minnhom u jħobb
lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lill-
ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus."

San Luqa, li ħallielna din il-parabbola, jgħidilna li Ġesù qalha "lid-dixxipli" (vers 1). Hi storja b'eżempju li fih tagħlima għad-dixxipli ta' Ġesù.



It-tagħlima hi fuq l-użu tajjeb tal-flus billi wieħed jinqeda bihom biex jgħin lil min hu fil-bżonn.

Dan jidher mill-kuntest tal-parabbola f'kapitlu 16 tal-Evanġelju ta' San Luqa, li fih tliet episodji ftit jew wisq bl-istess tagħlima: 1-13 din il-parabbola tal-amministratur ħażin; 14-17 tagħlim ta' Ġesù fuq ir-regħba għall-flus; u 19-31 il-parabbola tal-għani u Lażżru.

Il-parabbola tal-amministratur ħażin fiha żewġ partijiet: versi 1-8a l-istorja jew il-parabbola proprja; versi 8b-13 l-applikazzjoni tagħha għad-dixxipli ta' Ġesù.

Hemm min jaħseb li Ġesù oriġinarjament qal il-parabbola (1-8a) lill-pubblikani jew lil xi wħud li kellhom il-fama li jaqilgħu l-flus bil-qerq: "il-qligħ diżonest" (vers 9). Imbagħad il-Knisja tal-ewwel żmien żiedet il-versi l-oħra (8b-13)

– minn kliem li Ġesù qal f'okkażjonijiet oħra – b'applikazzjoni għad-dixxipli ta' Ġesù u bi twissija għalihom. Jista' jkun ukoll.

Il-protagonista tal-parabbola hu l-amministrat Jissejjaħ "diżonest" (vers 8) għax skont l-akku: li għamlulu sħabu jew oħrajn kien qiegħed jamministra ħażin u jaħli l-ġid ta' sidu. Dan is-kien "raġel għani" u ħalla t-tmexxija tal-għana tiegħu f'idejn l-amministratur.

U dan kien raġel moħħu jilħaqlu ħafna. Meta sar jaf li kien se jitlef il-post li kellu, fil-ftit żmien li kien baqagħlu beda jibgħat għal daw li kellhom id-dejn ma' sidu u wieħed wieħed naqqsilhom id-dejn bin-nofs. Għamlilhom karti foloz. Dan għamlu bil-ħsieb li jirbaħ il-ħbiberija tagħhom u jġegħelhom iħossuhom obbligati lejh, ħalli meta jiġi bla xogħol u jkollu bżonnhom isibhom jieqfu miegħu. Ħasibha tajjeb!

Meta s-sid sar jaf b'dan, faħħru, mhux għax kien qarraq bih iżda għax b'dak li għamel wera kemm kellu moħħu jilħaqlu. Konna nistennew li s-sid jirrabja għalih u jikkastigah. Imma mbagħad il-parabbola kienet titlef l-aċċent ta' applikazzjoni tagħha.

Dan hu l-eżempju jew l-imġiba tal-amministratur, mhux fil-ħażin iżda fl-għaqal tiegħu. Għamel ħażin meta qarraq b'sidu u għamel karti ta' kontijiet foloz. Il-parabbola ma tagħtix kas ta' dan l-aġir; la tapprovah u lanqas tikkundannah. Fih tara biss l-għaqal tal-amministratur, li "ħadem b'rasu" biex ħaseb għal rasu. U mill-eżempju tal-għaqal tiegħu toħroġ it-tagħlima għad-dixxipli ta' Ġesù.

Hawn jidħol il-paragun negattiv bejn "ulied din id-dinja" u "wlied id-dawl" (vers 8b). Iż-żewġ espressjonijiet kienu magħrufa sewwa dak iż-żmien, biex ifissru rispettivament dawk li ma kinux dixxipli ta' Ġesù u dawk li kienu dixxipli tiegħu (Rum. 12, 2; Kol. 2, 20; Ġw. 15, 19).

"Ulied din id dinja", li huma barra mill ġemgħa ta' Ġesù, iħaddmu rashom iżjed u jitħabtu iżjed mid-dixxipli ta' Ġesù, u dan biex jiksbu qligħ u ġid tal-art ukoll akkost ta' inġustizzji u qerq. Din hi storja ta' kuljum fid-dinja ta' madwarna. Id-dixxipli ta' Ġesù jmisshom jitgħallmu minnhom. Mhux mill-ħażin tagħhom iżda mill-ħeġġa, l-interess u l-għaqal tagħhom. Jagħmlu bħalhom mhux fil-ħażin imma fit-tajjeb. Din hi t-tagħlima ewlenija tal-parabbola.



Vers 9 jkompli jfisser b'mod prattiku l-applikazzjoni tal-parabbola: l-użu tajjeb tal-flus. L-espressjoni "qligħ diżonest" hi referenza għall-profitt li għamel l-amministratur tal-parabbola, b'mod inġust; hu "qligħ inġust". Tidħol il-kelma *mammôna* jew *mammôn*, bl-Aramajk, li tfisser kemm flus u kemm kull xorta ta' ġid tal-art (vers 13). Ħafna drabi għandha sens negattiv u dispreġġjattiv minħabba l-fatt li l-bnedmin jagħmlu l-flus alla tagħhom u jibdlu 'l Alla magħhom (Kol. 5, 3; Ef. 5, 5). Għalhekk "ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus" (vers 13).

Imma l-flus jistgħu jkunu qaddejja tajbin ukoll, jekk min għandu l-flus jinqeda bihom biex jgħin lil min ikun fil-bżonn. Hekk id-dixxipli ta' Ġesù għandhom jinqdew bil-flus, billi jagħmlu bihom opri ta' karità (ara Lq. 12, 33-34 u 1 Tim. 6, 18-19). Hekk ikunu bil-għaqal tassew, kif kien dak l-amministratur, għax filwaqt li jgħinu oħrajn ikunu qegħdin jaħżnu għalihom infushom teżori għaż-żmien li ġej. Il-foqra li huma jieqfu magħhom isiru ħbiebhom, u minħabba fihom Alla (mhux huma) jilqagħhom miegħu fil-ħajja ta' dejjem.

Il-ġid li għandhom mhuwiex tagħhom biss, iżda "ta' ħaddieħor" ukoll (vers 12) fis-sens li huma għandhom id dmir li jqassmu minn ġidhom lil min hu fil-bżonn. Hekk ikunu "fidili" fl-amministrazzjoni tal-ġid tal-art biex ikunu jistgħu jiksbu "l-ġid veru".



L-Istorja tal-Kapuċċini f'Malta

WINSTON L. ZAMMIT B.A. (HONS) P.G.C.E., M.A.

# IL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI F'MALTA (1890-1899)
## (L-EWWEL PARTI)

### It-Tmexxija tal-Provinċja

Fil-kapitlu provinċjali li sar fit-22 t'Ottubru 1890 ġie elett ministru provinċjal Patri Bernard Preziosi OFMCap miż-Żurrieq, li baqa' f'din il-kariga sal-kapitlu provinċjali t'Ottubru 1893.[1] Fost il-ġrajjiet importanti tat-tmexxija tiegħu nsibu tnejn partikolari li seħħew fl-1891.

Fi Frar 1891 ġie Malta biex jagħmel żjara lill-provinċja l-Ministru Ġeneral Patri Bernard D'Anderma, li fost l-impenji tiegħu waqt din iż-żjara żar il-kunvent tal-fraternità f'Għawdex.[2]

Fl-10 t'Awwissu tal-istess sena, ġewwa San Domingo, miet id-Delegat Appostoliku Mons. Fra Antonio Maria Buhagiar, li bejn l-1885 u l-1889 kellu l-kariga ta' amministratur appostoliku tad-djoċesi ta' Malta.[3] Il-provinċja wriet in-niket tagħha għal din it-telfa billi għamlitlu funeral f'kull waħda mill-fraternitajiet tagħha.[4]

Fil-kapitlu provinċjali li sar fit-18 t'Ottubru 1893 reġa' ġie elett ministru provinċjal Patri Fortunato Fleri OFMCap mill-Isla, li baqa' f'din il-kariga sa Ottubru 1899.[5] Kien matul it-tmexxija tiegħu li l-Papa Ljun XIII, f'April 1894, ibbeatifika lil Patri Diegu minn Cadice.



*Beato Diego Giuseppe da Cadice*

Il-provinċja Maltija fakkret din il-ġrajja sabiħa b'funzjonijiet fit-tliet knejjes tagħha tal-Furjana, il-Kalkara u Għawdex.[6]

Fil-kapitlu provinċjali li sar fis-27 t'Ottubru 1899 it-tmexxija tal-provinċja għaddiet f'idejn Patri Piju Dimech OFMCap mix-Xewkija, Għawdex.[7]

### Saċerdoti ġodda

M'hemmx dubju li matul l-għaxar snin bejn l-1890 u l-1899 il-provinċja Maltija kellha numru ta' saċerdoti ġodda, iżda jidher li ħafna minnhom aktarx ma ġewx ordnati f'Malta, billi ma ltqajniex mal-ismijiet tagħhom fir-reġistru tal-ordinazzjonijiet tal-Kurja ta' Malta. Mit-tiftix li għamilt sibt l-ismijiet ta' tliet saċerdoti ġodda.

1892: F'ordinazzjoni li saret mill-Isqof Mons. Giovanni Maria Camilleri OSA, fil-kappella tas-Seminarju t'Għawdex, ġie ordnat saċerdot Fra Francesco OFMCap mill-Furjana. Fl-istess ordinazzjoni ġie ordnat djaknu Fra Deomede OFMCap mill-Belt Valletta.[8]

1892: Ġie ordnat saċerdot id-Djaknu Fra Deomede OFMCap mill-Belt Valletta. Huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja tal-fraternità tal-Kapuċċini,

il-Furjana, fil-31 ta' Diċembru 1892. Il-prietka saret minn Patri Kerubin Arpa OFMCap, u l-mużika kienet tas-Surmast Paolino Vassallo.[9]

1894: Fid-19 t'Awwissu 1894 ġie ordnat saċerdot Fra Angelo da Campara.[10]

## Sindki Appostoliċi u Benefatturi

Is-sindki appostoliċi kienu responsabbli mill-amministrazzjoni finanzjarja tal-kunventi.

Il-patrijiet kienu jgħixu fil-faqar, u għall-għajxien tagħhom kienu jiddependu mill-karità tal-fidili u l-elemożina tal-quddies. Iżda minkejja l-faqar tagħhom il-patrijiet kienu wkoll lesti li jgħinu lil min kien fil-bżonn. Fit- 22 ta' Ġunju 1893 seħħ inċident ikrah fuq il-baħar, meta żewġ vapuri tal-flotta Ingliża ħabtu ma' xulxin b'riżultat li ghereq il-vapur HMS *Victoria*, li fuqu kien hemm 385 ruħ bejn fizzjali u baħrin, fosthom xi Maltin. Xi wħud minnhom mietu u oħrajn salvaw. Wara din id-diżgrazzja f'Malta sar ġbir biex tingħata l-għajnuna, u l-Kapuċċini, minkejja l-faqar tagħhom, taw il-kontribuzzjoni żgħira tagħhom. Il-fraternità tal-Furjana tat nofs lira u dik tal-Kalkara tat 4 xelini.[11]

Fl-1892 is-sindki appostoliċi tat-tliet kunventi kienu:
tal-Furjana: il-Konti Lazzru Sant
tal-Kalkara: il-Markiż Saverio Depiro
ta' Għawdex: Kalċidon Dei Conti Manduca[12]

Il-Konti Lazzru Sant miet fis-27 ta' Settembru 1898,[13] u sal-bidu tal-1899 din il-kariga kienet għadha vojta.[14]

Il-Markiż Saverio Depiro miet fit-13 t'Awwissu 1894.[15] Fl-1899 f'din il-kariga nsibu lill-Markiż Ġużeppi Depiro.[16]

Kalċidon Dei Conti Manduca kien għadu fil-kariga fil-kunvent tar-Rabat, Għawdex fl-1899.[17]

Il-Kapuċċini kellhom diversi benefatturi. Fost il-benefatturi ta' dan il-perjodu nsibu saċerdot li kien benefattur tal-knisja tal-Madonna tal-Grazzja tar-Rabat, Għawdex. Dan kien il-Kanonku tal-Katidral Dun Franġisk Theuma, li kważi ta' kull sena kien iżid xi opra ġdida. Hekk insibu li għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja, li saret il-Ħadd 23 ta' Mejju 1897, il-knisja kienet imżejna b'damask tal-ħarir, rigal tal-imsemmi Kanonku.[18]

## Referenzi

1 Azzopardi F., *Elective Chapters and Appointments of Provincial Superiors of the Capuchin Province of Malta 1778–1992*, pp. 45, 46
2 *Id Devot ta' Marija*, 1891, p. 62
3 Azzopardi T., *Il-Knisja tal-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolimitan,* Malta, 1958, p. 123
4 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
5 Azzopardi F., *op.cit.*, pp. 46, 47
6 *Malta*, 4-x-1894, p. 3; 16-x-1894, p. 6; xi-1894, p. 2
7 Azzopardi F., *op.cit.*
8 *Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese,* 15.v.1892, p. 2
9 *Ibid.*, 7-i-1893, p. 2
10 Calleja J., *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800–2000*, p. 36
11 *Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese,* 15.vii.1893, p. 2;
Laferla A., *British Malta* Vol. II, pp. 123, 124
12 *Guida Generale di Malta e Gozo*, 1892, p. 23
13 *Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese,* 27.ix.1899, p. 2
14 *Guida Generale di Malta e Gozo*, 1899, p. 13
15 *Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese,* 7.viii.1894, p. 3
16 *Guida Generale di Malta e Gozo*, 1899, p. 132
17 *Ibid.*
18 *Gazzetta di Malta Corriere Mercantile Maltese,* 25.v.1897, p. 3





Pastorali tas-Saħħa
FR MARIO ATTARD OFMCAP

# "KONT MARID U ĠEJTU TIKKURAWNI"

## GĦALFEJN IL-MULEJ MA JĦOBBNIEX GĦALFEJN ĦADILNA DIN IT-TIFLA?

Inżilt nistenna lil ħija, il-patri li dakinhar kien on call. Mill-ħin li kien sar u mill-mod kif laqagħni stajt nintebaħ bix-xogħol kbir u bl-urġenza tal-każ. "Jekk jogħġbok mur bierek ftit lil din it-tifla fis-sala tal-maternità!"

Ħallejt kollox. Warrabt kull pjan li kelli u mort. Biex inkun tassew sinċier, iż-żjajjar li jkollna fis-sala tal-maternità kważi dejjem iġorru magħhom il-marka tal-uġigħ. Tan-niket.

Dħalt fis-sala bħas-soltu. L-infermiera, pronta pronta, ħarġet tilqagħni barra l-kamra fejn il-familja kienet miġbura. "Patri," qaltli b'leħen ħiemed imma fl-istess ħin serju għall-aħħar, "hawnhekk għandna omm li tilfet lil bintha. Għandhom rabja kbira!" Xħin smajt dan il-kliem qalbi għamlet tikk. Ħassejt ħafna. Mhux ċajta li titlef bint. "Mulej, ibgħathieli tajba!" tlabtu b'qalbi kollha.

Għalhekk, wara li l-infermiera qaltli n-numru tas-sala, ftaħt bil-mod u dħalt, kważi kważi fuq ponot subgħajja. Ilkoll kemm huma ħarsu lejja. Hemm kienu: l-omm fis-sodda; omm is-sieħeb; oħt omm it-tarbija u s-sieħeb tagħha. Missier it-tarbija ma kienx hemm. "Traġedja!" Din kienet il-kelma li ħarġet minn fomm oħt omm it-tarbija. U veru! Traġedja! "Kont tant qed nistennieha, jaħasra!" issuktat l-omm. "B'li ġrali ma nistax nemmen aktar! Kif jista' jkun jiġrili hekk?" Għalkemm ma bkietx ħafna, ix-xokk kien tassew kbir fuq din l-omm.

"Hemm ommi barra," issuktat tgħid oħt l-omm. "Trid inżuru lin-nanna?" issuġġerejtilha jien. "Iva. Immorru. Aħjar!" kompliet bintha. U morna. Hemm kienet in-nanna, omm l-omm tat-tarbija, tibki kemm tiflaħ u tbus il-ġisem mejjet ta' din il-ħlejqa tassew ħelwa. "X'biċċa ġratli!" qaltli, hekk kif ratni dieħel u riesaq lejha. "Għalfejn il-Mulej għamilli hekk? X'qatt għamiltlu jien? Jien, li ħlief ġid m'għamiltx! Le! Le! Mhux ħa nemmen aktar! Mhux ħa nemmen aktar!"

Leħinha kien juri mhux il-protesta daqskemm l-uġigħ tat-telfa. Iva, ħbieb! Hija iebsa li tkun għomt il-baħar kollu u mbagħad tegħreq f'boqqa ilma! Hija tabilħaqq frustranti! F'dak il-waqt sewwa ġie f'moħħi u f'qalbi dak li kienu jgħallmuni meta kont nistudja fl-Awstralja. F'mumenti bħal dawn wieħed ma jridx jagħmel xi prietka dwar il-ħniena ta' Alla. Il-persuna, dak il-ħin, ma tkunx tista' tifhem. Quddiem għajnejha taqa' ċappa dlam tassew kbira. Allura x'nagħmel?

Dlonk, f'dak is-skiet tal-kamra, miksur biss mill-ilfiq kbir ta' din in-nanna b'qalbha maqsuma, donni smajt mill-ġdid il-leħen tas-supervisor tiegħi jgħidli: "Mario, validate her feelings!" Jiġifieri, "Mario, agħraf dak li qed tħoss din il-mara!" Bintha ppruvat issabbarha billi taqlagħha minn fejn il-ġisem mejjet tat-tifla. Iżda n-nanna aktar bdiet tibki u tixher. "Le! Ħallini hawn! Irrid noqgħod hawn! Irrid noqgħod ħdejn it-tifla! Hallini ħdejn it-tifla!"

Kif rajt din is-sitwazzjoni ħassejtni fid-dmir li nsejjaħ infermiera. Għall-grazzja ta' Alla din l-infermiera kienet ukoll mill-istess pajjiż ta' dawn in-nisa. Għalhekk il-komunikazzjoni bejniethom setgħet tkun ċara u mingħajr tbatija ta' xejn. Wara xi minuti ta' kliem bejniethom ġie miftiehem li n-nanna terġa' tidħol ħdejn it-tarbija. Toqgħod, iva, ftit ħdejha. Basta imma ma tagħmilx il-frattarija li kienet qed tagħmel. Wara kollox din il-battikata kienet qed tagħmlilha ħsara kbira. Sadanittant l-infermiera qablet li takkumpanja lin-nanna hi filwaqt li jien erġajt dħalt ħdejn omm it-tarbija.

Dak il-ħin kienet qed titħaddet fuq il-mowbajl mas-sieħeb tagħha. Kif qatgħet minn miegħu qaltli: "Patri, kif nista' nemmen jien?" "Tħossok irrabjata, frustrata u qalbek maqsuma," weġibtha. "Iva, Patri!" qaltli. "Kemm għandek rIħa tfuħ! X'rIħa għandek?" staqsietni. "Riħa ta' balzmu," weġibtha. Dan l-għaliex ftit qabel kont għandi kemm għamilt is-sagrament tad-dlik tal-morda lil persuna. "Għalina r-riħa tfuħ tfisser Patri Piju," qaltli.

Kien hawnhekk li oħtha talbitni: "Patri, tista' tberikna?" "Lili le!" wieġbet dlonk l-omm. "Ħallik minn le!" weġbitha oħtha. "Ejja ħa jberikna!" Biex ma ntawwalx berikthom ilkoll u tlabt għall-barka tal-Mulej fuqhom u fuq il-ġuf tal-omm ukoll. Sadanittant daħlet in-nanna, siekta siekta, u għalkemm ma radditx is-salib stajt ninduna li bdiet tikkalma mill-isplużjoni ta' niket li esprimiet ftit qabel.

"Se niftakar fikom u fl-għażiża bintkom fil-quddiesa," għedtilhom. Dan il-fatt donnu kkonforta bil-kbir lil dawn l-aħwa b'qalbhom maqsuma. Għalhekk, wara li sellimtilhom, ħriġt mis-sala fil-paċi.

Kos, hux! Xi wġigħ meta jmutu t-trabi! F'dak il-waqt ġiet f'moħħi l-profezija ta' Iżaija, li nsibu fil-Vanġelu skont San Mattew meta nqatlu t-trabi innoċenti: "F'Rama nstama' leħen, biki u lfiq kbir: Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarraġha, għax ma għadhomx iżjed." (Mt. 2, 18)



Il-vers ta' wara din it-traġedja eżatt jgħid li meta miet Erodi, l-anġlu deher lil Ġużeppi biex "[j]erġa' lura lejn l-art ta' Iżrael" (Mt. 2, 19). Hekk tlabt jien fis-skiet ta' qalbi għal din l-omm imnikkta, biex il-Mulej ireġġgħalha l-grazzja li ssir omm, tiled u frott ġufha jgħix u jgħix bil-kotra.


# RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm *VUĊI MISSJUNARJA* li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





Pastorali Vokazzjonali
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

# JUM IL-VOKAZZJONIJIET



Fl-Evanġelju tiegħu Ġesù qalilna li "l-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit" (Mt. 9, 37). Huwa ħeġġiġna wkoll u qalilna: "Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt. 9, 38). Fuq il-bażi ta' dan l-istess kliem, għalhekk, il-Knisja tagħżel li tiddedika **r-raba' Ħadd tal-Għid** bħala jum il-vokazzjonijiet. F'dan il-jum, b'mod aktar mis-soltu, hija tħeġġiġna biex nitolbu aktar lill-Mulej biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu, u anke biex ikompli jieħu ħsieb lil dawk li diġà wieġbu għas-sejħa li l-Mulej għamlilhom. Aħna nemmnu li l-Mulej għadu sal-lum isejjaħ żgħażagħ u adulti biex jitilqu kollox u jimxu warajh bħala saċerdoti, reliġjużi u missjunarji. Għalhekk f'dan il-jum nitolbu għal dawk li qed iħossu din is-sejħa.

Kienet din il-motivazzjoni li ħeġġitna biex il-Ħadd, 7 ta' Mejju 2017, aħna bħala Kapuċċini norganizzaw jum li fih inkomplu nħeġġu lill-Insara jitolbu għal aktar vokazzjonijiet fi ħdan il-Knisja u fi ħdan l-Ordni Kapuċċin. Bħala tim responsabbli mill-ħidma vokazzjonali fil-provinċja tagħna għażilna l-parroċċa arċipretali ta' Ħaż-Żabbar. Kien mument tassew sabiħ għalina li niltaqgħu mal-parruċċani u anke mal-kleru ta' din il-parroċċa, li laqgħuna b'ferħ kbir, u flimkien nitolbu għal aktar vokazzjonijiet.

Matul il-quddies tas-Sibt filgħaxija u anke tal-Ħadd filgħodu pruvajna noħolqu aktar kultura ta' talb u nħeġġu n-nies biex magħna u anke matul ħajjithom jitolbu aktar għall-vokazzjonijiet. Qassamna s-santi sabiex b'hekk ikollhom anke għajnuna. Kellna l-opportunità biex niltaqgħu man-nies fuq iz-zuntier tas-santwarju hekk kif kienu ħerġin lura mill-quddiesa, u dan għenna biex verament inkunu viċin in-nies biex nisimgħu l-uġigħ tagħhom u anke biex huma jsiru jafuna aktar. Matul il-ġurnata li għamilna fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar kellna l-opportunità wkoll li nanimaw bil-kant



il-quddiesa tal-10.15 a.m. u anke li nwasslu messaġġ fl-omelija. Animajna wkoll omelija apposta għat-tfal fil-quddiesa tal-11.30 a.m. Ma naqasx li ngħinu fis-servizz liturġiku u anke fit-tqarbin.

Fil-messaġġ li jagħti l-Papa ta' kull sena għal dan il-jum, huwa ħeġġiġna u qalilna: "Komplu itolbu lill-Mulej biex jibgħat ħaddiema fl-oqsma tiegħu u jagħtina saċerdoti nnamrati mal-Evanġelju!"

Jekk verament ir-ragħaj tagħna jkun qaddis, aħna wkoll, il-poplu tiegħu, inkunu qaddisin tassew, għaliex fih naraw eżempju li jwassalna għal għand Ġesù. Għalhekk dan juri d-dmir li għandna bħala Nsara li nitolbu għar-ragħajja tagħna, biex ngħinuhom u nissapportjawhom u anke biex nitolbu għal oħrajn ġodda. Fuq kollox, il-vokazzjonijiet joħorġu mill familja. Il familja trid tkun il-post fejn il-vokazzjoni tiġi miżrugħa, fejn tkompli tikber u tiġi kkultivata tajjeb. Ejjew ninkuraġġixxu liż-żgħażagħ tagħna li jkunu qed iħossu xi vokazzjoni u ngħinuhom ifittxu l-għajnuna meħtieġa. Huwa wkoll dmir tagħna li nitolbu sabiex ikollna familji tajbin li minnhom ikomplu joħorġu aktar vokazzjonijiet tajba u qaddisa.

Ejjew b'sinċerità, bi mħabba u bi dmir nitolbu lill-Mulej ikompli jagħtina persuni li jimxu warajh anke fuq l-eżempju ta' San Franġisk ta' Assisi, sabiex l-Evanġelju ma jieqaf qatt milli jiġi mxandar lill-poplu tiegħu.

Għal aktar informazzjoni kkuntattja lill-promotur vokazzjonali:

Br Miguel Zammit OFMCap
capuchinvocationsmalta@gmail.com
numru tal-mowbajl: 99275683
Facebook: Capuchin Flame









Capuchin Flame

"...**KOMPLU ITOLBU LILL-MULEJ**
biex jibgħat ħaddiema fl-oqsma tiegħu
u jagħtina saċerdoti **NNAMRATI MAL-EVANĠELJU**..."

Papa Franġisku



Knisja Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

# L-ERA DIĠITALI

## TGĦINNA NSAWRU D-DINJA B'MESSAĠĠ NISRANI U NIBNU L-FRATERNITÀ UNIVERSALI

Fl-aħħar Ħadd ta' Mejju d-dinja, fuq inizjattiva tal-Knisja Kattolika, iċċelebrat il-51 Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali. Fil-fatt din is-sena hija l-50 anniversarju minn meta l-Papa Pawlu VI, ftit wara li ntemm il-Konċilju Vatikan II, waqqaf dan il-jum speċjali. Huwa ried jiġbed l attenzjoni tal Knisja u tad dinja dwar il-qawwa li dawn il-mezzi u min jużahom għandu biex iwassal il-Bxara t-Tajba tal-imħabba t'Alla u l-fraternità universali. Nistgħu ngħidu li l-era li qegħdin ngħixu fiha hija l-era ta' dawn il-mezzi. Dawn għandhom il-qawwa li jistgħu jsawru ambjent u mentalità favur dan, jekk użati tajjeb. U mill-ewwel ngħidu li aħna lkoll nistgħu nsawru ħajjitna, nibnuha fuq prinċipji tajbin, Insara u Kattoliċi, daqskemm nagħrfu nużaw tajjeb dawn il-mezzi għalina u għal dawk ta' madwarna, b'mod speċjali ż-żgħażagħ u t-tfal.

Infatti dan huwa l-messaġġ li anke din is-sena l-Papa Franġisku ried iwasslilna, għax ir-responsabbiltà tagħna mhix marbuta ma' jum wieħed fis-sena imma ma' kull jum tas-sena, anzi kull waqt ta' ħajjitna. Għaliex illum, kif aħna mdawrin u bbumbardjati bil-mezzi kollha tekniċi u teknoloġiċi, dak li jkun għaddej madwarna, qrib u wkoll 'il bogħod, ukoll jekk bogħod ħafna, illum jinsab f'idejk, 'il bogħod biss minnek għafsa ta' buttuna. Mhux biss tisma' dwaru, imma tarah qed iseħħ mill-ewwel, immedjatament.

### Inwasslu l-Valuri tal-Evanġelju

Il-Papa Franġisku f'dan il-messaġġ jagħmel il-qalb "lil dawk kollha fil-qasam professjonali hekk kif huma kuljum "jomogħdu" tant tagħrif biex joffruh bħala ħobż ifuħ u tajjeb lil dawk li kuljum jitmantnew bil-frott tal-komunikazzjoni tagħhom. Nixtieq inħeġġeġ lil kulħadd biex inwasslu tagħrif kostruttiv, inwarrbu l-preġudizzji kontra l-oħrajn, inkunu favur kultura ta' laqgħa li bis saħħa tagħha nistgħu nitgħallmu nħarsu lejn ir-realtà tal-ħajja b'fiduċja konxja". Hekk ilkoll nagħtu sehemna "biex inwasslu lill-bnedmin ta' żmienna aħbarijiet immarkati bil-loġika tal-Aħbar it-Tajba," itenni l-Papa.

Għalkemm dawk kollha li jaħdmu f'dawn il mezzi lkoll ikunu fi ġlieda mal-minuti li jgħaddu jiġru, irridu nibqgħu nżommu t-tagħlim tal-Evanġelju, is-sens ta' ġustizzja u servizz lejn il-verità. In-Nisrani huwa fid-dmir li jħaddem dawn il-mezzi f'dan id-dawl, u kull min irid juri t-twemmin tassew tiegħu f'Ġesù, li huwa d-dawl u t-triq, ma jistax jimxi mod ieħor.

F'epoka diġitalizzata dan huwa tassew urġenti. Ilkoll nafu kemm għandna mezzi qawwija f'idejna! Kif jingħad minn min hu espert f'dan il-qasam, il-Papa Franġisku qed juża kull mezz possibbli biex ikompli jwassal il-messaġġ tal-Evanġelju f'din id-dinja, kemm bl-użu tajjeb u qawwi ta' dawn il-mezzi kif ukoll bl-akbar insistenza biex il-ħajja u l-eżempju tal-persuni jkomplu jsaħħu l-messaġġ u jkunu huma l-messaġġ ħaj. Dan ma huwa ssuperat qatt. Infatti hekk saħaq il-Papa fl-omelija



*Il-Papa jippoża għal selfie waqt l-Udjenza Ġenerali*

waqt l-ordinazzjoni tas-saċerdoti ġodda nhar is-7 ta' Mejju li għadda: "Il-kelma mingħajr l-eżempju tal-ħajja ma tiswiex... Tagħmlux omeliji intellettwali u elaborati. Tkellmu b'mod sempliċi; kellmu lill-qlub."



*Il-Papa jqiegħed l-ewwel ritratt fuq Instagram fid-19 ta' Marzu 2016*

Kull min għandu sehem minn din ir-responsabbiltà li jxandar l-Evanġelju jeħtieġ dejjem isib l-aħjar mezzi biex il-bniedem tal-lum jifhem u jisma' l-messaġġ ta' Kristu. Irridu nużaw kemm nistgħu, u bl-aqwa mod, il-mezzi kollha li għandna f'idejna, ukoll dawk tat-teknoloġija moderna u kontemporanja. Dan hu l-iskop li wassal kemm lill-Papa Benedittu kif ukoll lill-Papa preżenti biex iwettqu u jsaħħu r-riforma tal-Knisja fl-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni mill-Vatikan, ibda mill-gazzetta ta' kuljum u ta' kull ġimgħa b'diversi ilsna, *L'Osservatore Romano*, ir-Radju Vatikan, iċ-Ċentru Televiżiv, il-Librerija, is-Sala Stampa, is-Servizz Fotografiku, l-Istamperija u s-Servizz Internet, li jiġbor fih is-sit elettroniku u t-Twitter tal-Papa. Hekk ir-realtajiet diġitali tat-teknoloġija kontemporanja jkunu "għall-qadi tal-missjoni evanġelizzatriċi tar-Ragħajja tal-Knisja". Din hija l-funzjoni tal-Kunsill tal-Komunikazzjoni Soċjali tas-Santa Sede.

## Mezzi qawwija f'soċjetà f'bidla radikali

Imma din hija wkoll ir-responsabbiltà tagħna lkoll. Min qed jikteb jaf mill-esperjenza li mhix ħaġa ħafifa. Imma ma nistgħux nieqfu biss u ntennu: 'Ma nafx u ma nistax!' Jeħtieġ niftakru li rridu nagħtu sehemna biex inwasslu l-messaġġ f'din id-dinja u mhux f'waħda li nixtiquha kienet aħjar! Dan ifakkarna ħafna fid-diskors ċelebri tal-Beatu Papa Pawlu VI fi tmiem il-Konċilju Vatikan II, fis-7 ta' Diċembru 1965. Wara li eżamina bir-reqqa l-qagħda tad-dinja, li llum saret aktar aċċentwata anke madwarna, "fejn il-bniedem ifittex aktar dak li hu tal-art milli dak li hu tas-sema, żmien meta hija ħaġa abitwali li Alla jkun minsi... meta l-bniedem iħossu aktar konxju tiegħu nnifsu u jistqarr l-awtonomija tiegħu assoluta..." Imma din hija d-dinja li fiha l-Knisja, jiġifieri aħna lkoll, trid twassal 'il Ġesù u l-messaġġ tiegħu "f'soċjetà li qed tinbidel kontinwament u b'mod mgħaġġel".

Il-Knisja u diversi Ordnijiet reliġjużi, għaqdiet u istituzzjonijiet tagħhom qed jifhmu sewwa dan. Hekk dawn il-mezzi jkunu okkażjoni tajba biex "Ġesù jasal għand bosta bnedmin tal-lum". Ta' min isemmi, ifaħħar u jinkuraġġixxi lil min jagħmel dan. Is-sit elettroniku www.laikos.org huwa eżempju u mudell fostna kif jista' jsir dan. Kulħadd irid jagħti daqqa t'id. Għal min juża l-mezzi ta' kuljum mhux diffiċli anke jibgħat messaġġ "Nisrani" lil min ikun jafu. Dan l-aħħar, min isegwi s-sit zenit.org qiegħed isib fl-aħħar tal-aħbarijiet "pillola" li tagħmel ħafna ġid: il-Patri Karmelitan Andrea Panont, li nafu ftit mill-qrib, itella' storja żgħira u ħafifa b'tagħlima ċara fi tmiemha. L-istess dawk li jużaw Twitter, Facebook u mezzi oħrajn. Dawn huma l-ħabbara tal-Evanġelju tal-lum, meta użati tajjeb.

Figuri li jqanqluk, imxandra fis-6 ta' Frar li għadda fil-paġna elettronika "What happens online in 60 seconds", jaġġornaw dak li fassal "Evangelization Digital Age", li fost l-oħrajn juri kif f'sittin sekonda fuq l-internet jgħaddu mal-200 miljun email, iktar minn tliet miljun persuna jużaw Facebook, iktar minn żewġ miljuni u kwart domandi għal tiftix jidħlu fil-Google... u ħafna aktar.




*Grafika li turi xi jsir f'minuta fuq l-internet*

Aħna ma nistgħux nibqgħu ċassi jew friski nirċievu biss l-aħbar; jeħtieġ insawruha u nwassluha b'kull mod, biex Ġesù u l-Aħbar it-Tajba tiegħu jkollhom ftit aktar leħen b'saħħtu, ċar u konvinċenti.



Aħbarijiet tal-Provinċja

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Restawr tal-Kurċifiss Mirakoluż tal-kunvent ta' Għawdex

Nhar il-Ħadd, 2 ta' April 2017 ġie mbierek il-kurċifiss mirakoluż meqjum fil-knisja tagħna ta' Għawdex. Dan il-kurċifiss tbierek mill-gwardjan tal-fraternità Ħuna Joe Buttigieg wara r-restawr li sar fuqu mid-ditta Prevarti, f'ċerimonja qasira li saret waqt il-quddiesa. Matul ir-restawr reġgħet ħarġet id-data mpittra fuqu, li timmarka meta kien maħdum dan il-kurċifiss, jiġifieri s-sena 1683. Il-kurċifiss inħadem fi Sqallija u ngħata lill-Kapuċċini meta l-knisja tagħna f'Għawdex kienet għadha mhix lesta. Ir-restawr jidher li qajjem interess fost il-pubbliku, tant illi ngħata prominenza fuq l-aħbarijiet ta' TVM u fuq il-gazzetti lokali.



## Il-fraternità internazzjonali ta' Spello

It-Tlieta, 11 ta' April 2017 il-Ministru Ġeneral P. Mauro Jouhri, il-Vigarju tiegħu P. Stefan u tliet kunsilliera ġenerali: P. Pio, P. Raffaele u



P. Alberto, żaru l-fraternità internazzjonali ta' Spello, fejn hemm ukoll Ħuna Ivan Scicluna. Huma talbu u kielu mal-Aħwa tal-fraternità u semgħu kif qed jiżviluppa dan il-proġett tal-Ordni. Dehru kuntenti b'dak li qed jingħax u jsir fi Spello, b'servizz lill-Ordni fl-Ewropa.

## Niċċelebraw l-Għid il-Kbir mal-Eritreani f'Malta

Nhar il-Ħadd 16 ta' April iċċelebrajna l-Għid il-Kbir, il-festa solenni tal-qawmien mill-imwiet ta' Sidna Ġesù Kristu – rebbieħ fuq il-mewt. Għal din is-sena l-komunità Eritreana f'Malta, bħall-bqija tal-Eritreani Kattoliċi mxerrda mad-dinja, iċċelebrat magħna l-Għid il-Kbir, xi ħaġa li sseħħ kull erba' snin.



***Wieħed mill-membri tal-komunità Eritreana jieħu sehem fil-ħasil tar-riġlejn nhar Ħamis ix-Xirka***

L-Għid il-Kbir mill-komunità Eritreana f'Malta ġie ċċelebrat wara preparazzjoni intensiva li huma għamlu, billi matul il-ġimgħat tar-Randan, minbarra fil-Ħdud, għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kienu jiltaqgħu fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana, li hija l-knisja parrokkjali tagħhom. Bħalna u magħna din is-sena ċċelebraw ukoll b'devozzjoni kbira l-festa ta' Ħamis ix-Xirka, fejn uħud minnhom

anke ħadu sehem fil-ħasil ta' riġlejn l-appostli, kemm fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana kif ukoll fil-knisja parrokkjali ta' San Publiju, il-Furjana wkoll. Bħalna u magħna ċċelebraw ukoll il-Ġimgħa l-Kbira.



***Il-mument fejn Ivan qiegħed jirċievi l-Ewwel Tqarbina minn idejn l-Isqof Pawlu Darmanin OFMCap***

Il-quddiesa ta' nhar l-Għid il-Kbir għall-komunità Eritreana f'Malta kienet iċċelebrata mill-Isqof Emeritu ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin OFMCap flimkien ma' Fr Philip Cutajar OFMCap. Matul il-quddiesa ġie wkoll iċċelebrat is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti Sem Gergs Debesey kif ukoll is-sagrament tal-Ewwel Tqarbina lil ħuh Ivan Gergs Debesey. Dan kien mument ta' ferħ għall-komunità Eritreana, li tara żewġ membri żgħażagħ li jinsabu f'Malta Kattolika jibqgħu miexja 'l quddiem fil-formazzjoni tal-ħajja Nisranija kif ukoll fil-ħajja sagramentali tagħhom. Lil dawn iż-żewġt aħwa li rċevew dawn iż-żewġ sagramenti tal-bidu fil-mixja Nisranija nawgurawlhom li l-mixja tagħhom tissokta u tkun perseveranti. Hekk ukoll nawguraw lill-ġenituri tagħhom u lill-komunità kollha Eritreana li tieħu ħsieb b'għożża lill-membri żgħar tagħha.



***Sem jirċievi s-Sagrament tal-Grizma tal-Isqof***

## Mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja tat-Trinità, il-Marsa

L-Erbgħa, 19 ta' April 2017 ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa biex tfakkar il-mitt sena mill-konsagrazzjoni ta' din l-istess knisja parrokkjali. Il-konsagrazzjoni tal-knisja tat-Trinità, il-Marsa kienet saret minn Mons. Mauro Caruana, Arċisqof ta' Malta, fid-19 ta' April 1917. Il-quddiesa dakinhar kienet bdiet fis-7.00am ta' filgħodu u spiċċat f' 12.00pm. F'għeluq dan l-anniversarju, il-quddiesa kienet immexxija minn Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, flimkien mal-Provinċjal, Fr Martin Micallef, mal-Kappillan ta' din il-parroċċa, Fr Carmelo Aquilina, u ma' numru ta' Aħwa oħra li attendew għal din iċ-ċelebrazzjoni fosthom l-Aħwa li bħalissa qegħdin jagħtu s-servizz tagħhom f'din il-parroċċa. Fl-aħhar tal-quddiesa Mons. Arċisqof sellem lil Ħuna Charles Bugelli, li kien fost il-konċelebranti, bħala l-aktar Kapuċċin anzjan minn din il-parroċċa. Huwa mbagħad kixef u bierek irħama li saret fil-knisja biex tfakkar din l-okkażjoni tal-100 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja.



## Ħarġa fi żmien l-Għid

Il-Ħamis, 20 ta' April 2017 saret ħarġa tal-Għid għall-Aħwa kollha tal-provinċja. Din il-laqgħa tagħna bdiet fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdlna,



fejn sar guided tour minn Fr Edgar Vella, kuratur tal-mużew. Wara saret ikla fraterna. Kien mument sabiħ li permezz tiegħu komplejna naqsmu flimkien is-sens ta' fraternità ta' bejnietna u l-ferħ tal-Għid.

## Għoti tal-Ministeru tal-lettorat

Waqt li l-Knisja qiegħda tiċċelebra l-ferħ tal-Għid, il-Ġimgħa, 21 ta' April 2017 Br Mark Scicluna rċieva l-ministeru tal-lettorat. Huwa ġie istitwit lettur mill-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef, waqt quddiesa kkonċelebrata li saret fil-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa. Permezz tal-ministeru tal-lettorat, Br Mark issa qed jiġi msejjaħ biex ikun aktar midħla tal-Kelma t'Alla. Huwa ser ikollu r-responsabbiltà li jxandar il-Kelma ta' Alla permezz tal-katekiżmu kif ukoll waqt laqgħat ta' formazzjoni, u anke li jipproklama l-Kelma waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Matul l-omelija tiegħu l-Ministru Provinċjal fisser kif ir-responsabbiltà li l-Knisja kienet se tafda lil dan Ħuna fl-għoti tal-ministeru mhijiex biss li jwassal il-Kelma ta' Alla b'mod ċar, imma wkoll li jgħix din l-istess Kelma ta' Alla matul iċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja tiegħu u anke billi jkun ta' eżempju għal ħaddieħor.



## Is-segretarji tal-missjoni jiltaqgħu flimkien

Għal sena oħra s-segretarji responsabbli mill-ħidma missjunarja fil-provinċji rispettivi tagħhom żammew il-laqgħa annwali tagħhom, li din is-sena saret f'Emmaus Retreat Centre ġewwa Dublin, l-Irlanda, bejn l-1 u l-5 ta' Mejju 2017. Bħal kull sena għal din il-laqgħa, li għaliha attendew 15-il parteċipant, ġew mistiedna l-provinċji Kapuċċini tar-reġjun tal-Ewropa Ġermanika, Franċiża u Ingliża. Malta kienet irrappreżentata minn Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap.

Matul il-laqgħa ta' ħamest ijiem saru diversi diskorsi dwar il-bidla li qed isseħħ fil-ħidma missjunarja preżenti kif ukoll dwar il-bidla radikali li qed isseħħ fl-Ewropa, speċjalment bid-dħul ta' eluf ta' immigranti ġejjin mill-Afrika u mid-dinja Musulmana. Id-diskorsi kollha li saru minn persuni speċjalizzati fil-materja servew bħala formazzjoni kontinwa u permanenti għall-parteċipanti kollha, bil-għan li jkomplu jwettqu aħjar il-ħidma tagħhom mhux biss fuq livell ta' missjoni barra l-pajjiż imma anke dik fil-pajjiż mal-barranin li deħlin kuljum.




*Il-grupp kollu tal-parteċipanti li attendew għal-laqgħa tar-resposabbli tal-missjonijiet f'Dublin, l-Irlanda*

Ħuna Fr Philip Cutajar ippreżenta r-rapport tiegħu permezz ta' PowerPoint li fiha ta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-ħidmiet li bħala Kapuċċini Maltin qed inwettqu kemm fil-Kenja kif ukoll f'Malta permezz tal-Fondazzjoni Paċi u Ġid mal-immigranti li qed jiġu fostna. Fl-istess laqgħa ġew diskussi kemm l-identità tagħna bħala grupp li qed niltaqgħu kull sena bil-għan li nkunu aktar effikaċi fil-kontribut li nistgħu nagħtu lill-Ordni Kapuċċin kif ukoll ġew diskussi proġetti ġodda li nistgħu nwettqu flimkien bħala pajjiżi fi ħdan il-kontinent tal-Ewropa.



*Fr. Philip Cutajar OFMCap qed jagħti r-rapport tiegħu dwar il-Ħidma Missjunarja f'Malta*



Poeżija

FR WISTIN ATTARD OFMCAP

# TIFKIRA TAL-KONSAGRAZZJONI

## TAL-KNISJA PARROKKJALI TAT-TRINITÀ QADDISA (1917 – 2017)



Il-Marsa kien għad għandha fuq xofftejha
t-togħma ta' 'parroċċa', togħma bnina.
Il-ferħ kien għadu jaqbeż ġewwa qalbhom,
magħġun mal-ħajja fqajra imma rżina.

Erba' snin biss minn dik il-ġrajja kbira,
in-nies mill-ġdid inġabret hawn bi ħġarha
biex tifraħ għal festa oħra tal-parroċċa
li kienet tistennieha bl-akbar ħrara.

U l-ħin mixtieq wasal. Ħemda u ġabra
fil-knisja lesta mżejna preparata,
xħin l-Isqof Mauro beda t-talba tiegħu,
u hekk il-knisja ġiet ikkonsagrata.

Minn dan il-jum għaddew mitt sena bilġri,
u popli sħaħ ġew ħdejk, Mulej, sogħbiena,
u marru lura kollhom ferħ u hena.
Tassew ulied il-Marsa wlied qalbiena!

Dsatax t'April, fik seħħu daż-żewġ festi,
li fihom dan it-tempju, għożża tagħna,
ingħata kollu 'l Alla bl-ogħla qima
biex imħabbitna lejh tibqa' ħerqana.

Il-fidi mkebbsa tagħhom tħawlet f'qalbna,
imżejna għalik, Mulej, bil-ward u l-liedna,
u llum nagħtuk il-kelma li dil-fjamma
ngħadduha kollha mħeġġa lil uliedna.

Dat-tempju ġawhra, l-isbaħ fost l-imqades,
imżejjen tul is-snin, frott imħabbitna,
ħa jżommna magħqudin familja waħda
għad dell tat Trinità u Marija Sidtna.




Spiritwalità Franġiskana

FR IVAN SCICLUNA OFMCAP

# TERREMOTI FI SPELLO!
## (L-EWWEL PARTI)

Kien il-Ħadd 30 t'Ottubru li għadda, fit-7.40 a.m., meta għall-ewwel darba f'ħajti rajt kamarti titriegħed, is-saqaf jiżfen quddiemi u l-oġġetti kollha li kienu fuq l-ixkafef jintefgħu b'sabta mal-art. Kien terremot! Ħassejtni pparalizzat, imwaħħal mas-siġġu li kont fuqu, b'għajnejja jħarsu ċass lejn dik ix-xena tal-biża' li qajmitli tferfir ma' ġismi kollu. Qaluli: "Wara terremot kbir stenna xi theżżiżiet żgħar sakemm l-art toqgħod." U hekk kien. Mit-30 t'Ottubru 'l hawn l-art ma waqfitx tiċċaqlaq. F'Jannar li għadda kellna erba' theżżiżiet żgħar f'ġurnata waħda!

### Naċċettaw ir-realtà kif inhi

Kull theżżiża tal-art tnissel fija xi ftit biża' għax tfakkarni fit-theżżiża tat-30 t'Ottubru. Tiskanta kemm il-memorja affettiva għandha qawwa fuqna! Il-qawwa tagħha tista' tittaffa xi ftit meta nibdew naċċettaw ir-realtà kif inhi u nnaqqsu kemm nistgħu l-aspettattivi tagħna. Osservajt li ħafna mill-patrijiet Taljani aċċettaw ir-realtà li r-reġjun tal-Italja tan-Nofs huwa wieħed suxxettibbli għat-terremoti u tgħallmu jgħixu bihom. X'tagħlima għall-ħajja! Dan kollu jfakkarni f'dik li tissejjaħ *The Serenity Prayer*, ta' Reinhold Niebuhr, li tgħid hekk: "*God, grant me the serenity to accept the things I cannot change, courage to change the things I can and wisdom to know the difference*." Meta nirreżistu u nitqabdu ma' realtà li ma togħġobniex u li m'għandniex kontroll fuqha, bit-tama li tinbidel xi ħaġa minn dik ir-realtà, huwa aħna li mmorru minn taħt, għax jekk ir-realtà tibqa' dik li hi nimtlew tilja frustrazzjoni, biża', rabja u emozzjonijiet negattivi oħra bħal dawn. Mill-banda l-oħra, meta nibdew naċċettaw realtà iebsa li ma tistax tinbidel, nintebħu li tibda tinbet fina ċerta serenità u kalma interna li tgħinna naffaċċjaw ir-realtà mwiegħra b'wiċċna minn quddiem. Nibdew ninbidlu u nfiqu aħna minflok nistennew li ċ-ċirkustanzi jinbidlu.

### Hekk ġralu San Franġisk

Hekk ġralu San Franġisk t'Assisi. Sakemm dam jirreżisti r-realtà mwiegħra tal-lebbrużi u jaħrab minnhom qatt ma seta' jkun hieni. Meta beda jikkonverti u wasal biex jaċċetta lil-lebbruż bħala lebbruż, anzi bħala xbieha ta' Kristu Msallab, beda jfiq u jinbidel hu waqt li l-lebbruż baqa' marid kif kien. Infatti, fil-bidu tat-*Testment* tiegħu, San Franġisk jikkummenta dwar din l-esperjenza u jistqarr li "dak li qabel deherli li hu morr, inbidel għalija fi ħlewwa għar-ruħ u għall-ġisem."[1]

### Terremot fuq livell spiritwali

Fil-fraternità ta' Spello (belt viċin Assisi, fl-Italja), fejn qiegħed ngħix ma' tliet patrijiet Kapuċċini oħra (Fra Wojtiech, Pollakk; Fra Sidney, Brażiljan; u Fra Giovanni, Taljan), qed nesperjenzaw terremoti mhux biss tal-art imma wkoll terremoti fuq livelli oħra. Wieħed minn dawn huwa l-ħajja tat-talb. **It-talb** għandu prijorità fl-istil tal-ħajja tagħna. Il-*Kostituzzjonijiet* tagħna l-Kapuċċini jħeġġuna biex "nagħtu importanza kbira lill-ħajja tat-talb, speċjalment il-meditazzjoni."[2] Fi Spello ngħaddu, bejn wieħed u ieħor, mat-tliet sigħat talb kuljum. Dan jinkludi ċ-ċelebrazzjoni

tal-Uffiċċju Divin kollu, il-quddiesa u siegħa meditazzjoni fis-silenzju. Dawn il-mumenti tat-talb huma kollha miftuħin għan-nies. It-talb huwa animat bil-kant, b'waqtiet ta' silenzju u b'ritmu meditattiv li jgħinu lil min qed jitlob: "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej; hieni l-bniedem li jistkenn fih" (Salm 34, 9).

It-tul ta' ħin u l-enerġija li nitfgħu fil-ħajja tat-talb hawn fi Spello jitolbu impenn kostanti li xi kultant jegħjik u jaħbat se jdejqek. Iżda ftit ftit, jekk wieħed jibqa' jħabrek biex b'perseveranza jgħaddi mill-"bieb dejjaq" (Lq. 13, 24) tat-talb, wieħed jibda jinduna li minn dak id-djuq il-Mulej joħorġok għall-wisa' (2 Samwel 22, 20) u jieħdok "f'mergħat kollhom ħdura" (Salm 23, 2). Huwa fatt li s-silenzju jbeżżagħna, għax is-silenzju jlaqqagħna mal-istorbju u l-ħafna vuċijiet li hemm ġewwa fina. Nippreferu naħarbu fix-xogħol, fil-folla u fl-attiviżmu milli nħallu l-ħemda tat-talb iġġibna wiċċ imb wiċċ mar-realtà li ninsabu fiha u mar-rieda ta' Alla għalina. Kif jissuġġerixxi Henri J. M. Nouwen: "We need to sit still long enough to allow restlessness to turn into restfulness."[3] Neħtieġu perseveranza qawwija – u meta Ġesù jitkellem mit-talb fl-Evanġelju dejjem jitkellem dwar il-perseveranza fit-talb – biex nitgħallmu nirreżistu t-terremoti tad-distrazzjonijiet, tal-ħsibijiet, tal-emozzjonijiet, tan-nervi li jaħkmu lil ġisimna, li ma jafx joqgħod bi kwietu f'atteġġjament ta' smigħ, sakemm nibdew insiru familjari ma' "that quiet place within ourselves where we can hear the whisper of God."[4]



Biex nuża immaġini biblika, irridu nagħmlu l-istess proċess li għamel il-Profeta Elija, li għaraf il-preżenza ta' Alla mhux fit-terremot, fl-uragan jew fin-nirien, imma fiż-"żiffa ħelwa", jew aħjar – kif tradotta mill-Ebrajk – fil-"leħen irqiq tas-skiet" (1 Slaten 19, 4). Il-leħen ta' Alla moħbi fil-qiegħ tal-kuxjenza tagħna kapaċi jġib f'ħajjitna terremoti oħra meta nisimgħuh: terremot fil-mod kif naħsbuha, fil-mod kif inħarsu lejn ħajjitna u ċ-ċirkustanzi li nkunu fihom, fil-mod kif inħarsu lejn l-oħrajn, lejn Alla u lejn kif qed jaħdem magħna. Jibdew jaqgħulna l-ħitan taċ-ċertezzi li nkunu bnejna madwarna u nibdew nifhmu kliem is-Salmista, li meta jikkunsidra l-fehmiet u l-ħsibijiet ta' Alla jistqarr: "Xħin nasal fl-aħħar inkun għadni fil-bidu miegħek" (Salm 139, 22).

## L-ikoni lingwaġġ ta' talb

Xtaqt nagħlaq dan l-artiklu b'kumment tal-aħħar dwar il-ħajja tat-talb hawn fi Spello. F'żgħożitu San Franġisk kien ta' spiss imur jitlob quddiem l-ikona tal-Kurċifiss ta' San Damjan, li llum tinsab fil-Bażilika ta' Santa Kjara ġewwa Assisi. Fil-festi tal-Milied u tal-Għid li għaddew, hawn fil-fraternità ta' Spello ġejna introdotti għal-lingwaġġ simboliku tal-ikoni bħala lingwaġġ ġdid ta' talb. L-ikona hija tieqa fuq Alla, manifestazzjoni ta' xi misteru tal-fidi tagħna. Fil-ġranet tan-novena tal-Milied immeditajna l-ikona tan-*Natività* (1405) ta' Andrei Rublev. Fi żmien il-Għid, imbagħad, ikkontemplajna l-ikona tar-Reżurezzjoni magħrufa bħala *La Discesa agli Inferi*. Għalkemm dan il-mod ġdid ta' talb heżżeż xi ftit il-mod kif kont imdorri nitlob, kien esperjenza spiritwali rikka u profonda ħafna li għadni nużaha sa issa. Meta tkun drajt b'ċertu mod ta' talb mhux faċli tinfetaħ għal stil ġdid. Il-bidla hija dejjem sfida… imma worth it tgħaddi minnha għax tiftaħlek quddiemek orizzonti ġodda li qabel qatt ma tkun ilmaħthom.

F'dan l-artiklu llimitajt ruħi għat-terremoti fil-ħajja tat-talb. 'Il quddiem f'xi artiklu ieħor nitkellem dwar terremoti oħra li qed nesperjenzaw fl-istil ta' ħajja u fil-missjoni tagħna hawn fi Spello.

## Referenzi


1 San Franġisk t'Assisi, *Testment*, 3.
2 Provinċja Kapuċċina Maltija, *Il-Kostituzzjonijiet tal Aħwa Minuri Kapuċċini*, 1990, I, 4, 3.
3 H. J. M. Nouwen, *Reaching Out: The Three Movements of the Spiritual Life*, New York et al, 1986.
4 H. Kunneman, *The Revealer of Secrets*, Canada 2009, 76.





JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

# IL-PALAZZ TAL-PRESIDENT U L-ARMERIJA



Il-Palazz tal-President hu magħruf b'diversi ismijiet. Fi żmien il-Kavallieri kien magħruf bħala l-Palazz tal-Gran Mastru. Fi żmien l-Ingliżi sar magħruf bħala l-Palazz tal-Gvernatur. Wara li Malta saret Repubblika dan Il-palazz sar Il-Palazz tal-President. Il-poplu jirreferi għal dan il-palazz sempliċiment bħala 'l-Palazz'. Il-Palazz inbena fuq disinn tal-Perit Ġlormu Cassar.

Il-Palazz kien ir-residenza tal-Gran Mastru. Fi żmien l-Ingliżi kompla bħala r-residenza tal-Gvernatur, u wara, billi l-Gvernatur mar joqgħod fil-Palazz ta' Sant'Anton, sar biss l-uffiċċju tiegħu. Il-President kompla b'din l-istess sistema, jiġifieri jkollu l-uffiċċju fil-Palazz u r-residenza jew fil-Palazz ta' Sant'Anton (fix-xitwa) jew fil-Kastell tal-Verdala (fis-sajf). Ta' min jgħid li fuq il-faċċata tal-Palazz hemm diversi kitbiet; waħda minnhom tfakkar l-għotja tal-George Cross mir-Re Ġorġ VI (fl-1943), oħra l-kisba tal-Indipendenza (fl-1964) u oħra t-twaqqif tar-Repubblika (fl-1974).

## Kmamar Statali

Fil-Palazz naraw ħames kmamar statali. Dawn għandhom soqfa tal-Injam tassew rikki, għamara tassew sinjura u inkwatri tal-Gran Mastri, il-Kavallieri, membri tal-Familja Rjali Ingliża u Presidenti tar-Repubbblika. Is-sala ewlenija hija mżejna b'affreski li juru l-istorja tal-Assedju l-Kbir (1565), xogħol Matteo Perez d'Aleccio. F'din il-kamra hemm it-tron maġistrali. Fi żmien l-Indipendenza dan kien it-tron irjali, għax Malta kienet tagħraf lir-Reġina Eliżabetta bħala Reġina ta' Malta. Illum dan jintuża mill-President tar-Repubblika. F'kamra minnhom, fejn qabel kien jiltaqa' l-Kunsill tal-Ordni u wara l-Parlament, hemm sett komplut ta' arazzi tad-ditta Gobelin (Franċiżi) – *Les Teintures des Indes*. Fil-kurituri hemm kollezzjoni ta' pittura-wiċċ tal-Gran Mastri u xi membri tal-Familja Rjali Ingliża.





## L-Armerija

Fil-Palazz insibu wkoll l-Armerija. Fiha hemm madwar 6,000 biċċa xogħol ta' armi. Insibu fost l-oħrajn il-korazza li saret f'Milan għall-Gran Mastru Wignacourt. Dan il-Gran Mastru kien libes din l-istess korazza biex ġie mpitter minn



Caravaggio. Illum din il-pittura tinsab fl-aqwa mużew Franċiż – il-Louvre. Hemm ukoll korazza oħra tal-Gran Mastru Garzes, xogħol Sigismond Wold minn Landshut. Ta' min isemmi wkoll xi partijiet tal-korazza tal-Gran Mastru Jean de Valette.

Insibu wkoll bċejjeċ ta' armi li kienu jintużaw sew għall-ġlied u sew għad-divertiment. Hemm ukoll ġabra ta' kanuni u affarijiet oħra militari li kienu jintużaw fuq is-swar waqt xi assedju jew attakk. Fil-kollezzjoni hemm ukoll biċċiet tal-korazzi li kienu jintużaw minn membri tal-familji nobbli tal-Ewropa. Hemm ukoll biċċiet ta' korazzi u armi Torok. Dawn tal-aħħar tħallew mis-suldati wara li telqu lejn Istanbul wara l-Assedju l-Kbir. Fl-Armerija hemm ukoll il-karozzella li kien juża l-Gran Mastru.



Bħalissa l-Armerija tinsab fil-parti ta' wara tal-Palazz. Issa li l-Parlament spiċċa mill-Palazz u mar fil-bini li kien iddisinjat minn Renzo Piano fid-daħla tal-Belt, hu maħsub li minfloku jerġa' jsir post għall-Armerija.

### Inżuru dawn il-postijiet:

**Hemm biljett wieħed li bih tista' żżur sew il-Palazz u sew l-Armerija. (Parir: Ibda mill-Palazz.)**

**Il-Kmamar Statali: Il-ħinijiet huma: mill-10.00 a.m. sal-4.30 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa). L-aħħar ħin tad-dħul hu fl-4.00 p.m.; bejn id-9.00 a.m. u l-4.30 p.m. (nhar ta' Sibt u Ħadd). L-aħħar ħin tad-dħul hu fl-4.00 p.m.**

**L-Armerija: Il-ħinijiet huma mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ħadd). L-aħħar ħin tad-dħul hu fl-4.30 p.m.**



Preservazzjoni ta' monumenti f'pajjiżna

GORDON CILIA

# IL-PALAZZ TAL-PRESIDENT FI PJAZZA SAN ĠORĠ FIL-BELT VALLETTA

*Illum ser nagħti bidu għal sensiela ta' artikli li jittrattaw il-preservazzjoni ta' diversi monumenti li għandna f'pajjiżna. Li pajjiż jippreserva l-monumenti li magħhom hemm marbuta l-istorja ta' mijiet u anke eluf ta' snin huwa ġest ta' għerf, kultura u rispett lejn l-imgħoddi u dawk li kienu protagonisti fin-nisġa ta' din l-istorja. Ser nibda din is-sensiela billi nikkonċentra fuq dawk il-monumenti li jinsabu fil-Belt Valletta, peress li sejrin nidħlu fis-sena ta' ċelebrazzjonijiet ta' din l-istess belt kapitali tagħna bħala Belt Kapitali tal-Ewropa. B'dan li ser nikteb hija xewqa tiegħi wkoll li nikkumplimenta dak li diġà qed jikteb dwaru l-ħabib tagħna s-Sur Joseph C. Camilleri. Ser nagħti bidu billi nikteb dwar il-ġawhra li għandna fil-ġawhra tal-Belt Valletta. Nirreferi għall-Palazz tal-President.*

## Il-Palazz fil-qalba tal-belt

Il-Palazz tal-President, li jinsab proprju fil-qalba tal-Belt Valletta, belt ta' Patrimonju Dinji mibnija mill-Ordni Militari Sovran tal-Kavallieri Ospitalieri ta' San Ġwann wara l-Assedju l-Kbir ta' Malta fl-1565. Minbarra li hu l-Uffiċċju tal-President, il-Palazz sa ftit taż-żmien ilu kien iservi wkoll bħala s-sede tal-Kamra tar-Rappreżentanti, u hu mżejjen b'Armerija li tixhed il-kisbiet il-kbar li għamel l-Ordni fiż-żminijiet mgħoddija.





Kien fi żmien il-ħakma tal-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-1581) illi ttellgħet l-ewwel binja f'dan il-post bil-għan li tintuża bħala l-Palazz tal-Gran Mastru. Il-Gran Mastri li ġew wara komplew ikabbru u jsebbħu din il-binja oriġinali, sakemm għall-ħabta ta' nofs is-seklu 18 il-Palazz ħa s-sura li għandu llum. Wara l-ħakma tal-Franċiżi bejn l-1798 u l-1800 l-Palazz ittieħed mill-amministrazzjoni Ingliża u beda jservi bħala l-Palazz tal-Gvernatur. Il-Palazz ra wkoll l-iżviluppi kostituzzjonali ta' Malta minħabba li kien is-sede tal-ewwel parlament

kostituzzjonali fl-1921, u wara l-Indipendenza tal-1964 sar is-sede tal-Parlament kif ukoll tal-Kap tal-Istat.

### L-arkitettura tal-bini

Il-faċċata ewlenija hija mibnija fuq stil Mannerist, stil li kien iħobb juża l-Arkitett Ġlormu Cassar. Din il-faċċata m'għandhiex simetrija għax saru diversi alterazzjonijiet matul iż-żmien. Infatti mal-kantunieri tagħha ntużat teknika li ġġiegħel il-faċċata tidher iktar lixxa u hemm id-dekorazzjonijiet mas-saqaf. Din il-faċċata fiha żewġ entraturi prinċipali. Dawn iż-żewġ bibien għandhom arkata u dekorazzjoni mad-dawra ta' kull wieħed minnhom. Huma jagħtu għall-gallerija. Flimkien ma' dawn il-galleriji hemm ukoll l-aperturi (portals). Kemm il-galleriji kif ukoll l-aperturi ġew miżjuda fis-seklu tmintax.



### Xogħol ta' restawr

Fis-sena elfejn u għaxra (2010) id-Direttorat tar-Restawr beda xogħol ta' restawr fuq il-Palazz tal-Belt Valletta. It-tim beda l-proċess permezz ta' studju xjentifiku bħalma titlob l-etika tal-konservazzjoni tar-restawr. Dan l-istudju sar fuq l-erba' faċċati ta' barra (li jkopru sitt elef u tliet mitt metru kwadru). Permezz ta' dan l-istudju nstab ammont ta' ħadid, lega ħoxna ta' żejt mas-saljaturi u black crust. Din tal-aħħar tiġi ffurmata permezz ta' tniġġis tal-arja. Instabu wkoll ammont ta' ħadid u msiemer li tneħħew għax kienu qed jifqgħu l-ġebla. Barra minn hekk tneħħa anke l-biological growth minn fuq il-faċċati u tħejja wkoll desalination process sabiex tneħħa l-melħ minn ġol-ġebla.



Sar ukoll il-konsolidament tal-fili u plastering repair (fejn kien hemm id-deterjorazzjoni). Il-gwarniċuni ngħataw kisja kopertina (taħlita magħmula mid-deffun, li huwa fuħħar imfarrak). Din hija taħlita tradizzjonali li ġeneralment tintuża fuq il-bjut sabiex l-ilma tax-xita ma jingħatax ċans li joqgħod fuq il-gwarniċa iżda jitneħħa mill-ewwel. Kien hemm postijiet fejn saħansitra kellu jinbidel il-ġebel, għax dan tal-aħħar tant kemm kien iddeterjorat illi kien ta' periklu għal ġebel ieħor. Fl-aħħar fażi ta' dan ix-xogħol ingħatat velatura sabiex jidher uniformi u jiġi ppreservat. Id-Direttorat tar-Restawr se jibqa' jieħu ħsieb il-manutenzjoni kontinwa ta' din il-binja, bl-għan li din tal-aħħar tiġi ppreservata.

*Fl-artikli li jmiss ser nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol li sar fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dan il-palazz.*





Mill-Kċina tal-Kunvent

Id-dħul kollu mill-bejgħ ta' dan il-ktieb qed imur b'risq il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Ixtri kopja u tkun qed tgħin il-missjoni.

Bejgħ mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana




Volontarjat fl-Artijiet tal-Missjoni

# KARIBU! MALTA

Karibu! Malta huwa grupp ta' voluntiera li ma jagħmilx qligħ. L-għan ta' Karibu! Malta huwa mhux biss li jiffinanzja proġetti barra minn xtutna iżda wkoll li jgħin permezz ta' xogħol volontarju li jsir kull sena. 'Karibu' hija kelma bil-lingwa tas-Swahili, li hija l-lingwa uffiċjali tal-Kenja, u li tfisser 'merħba'. Karibu! Malta ra l-bidu tiegħu waqt ċelebrazzjoni taż-żwieġ fl-2012, meta Patri Karmenu Aquilina kien qed jitkellem ma' xi żgħażagħ li kienu ġejjin minn żewġ ċentri taż-żgħażagħ differenti f'Malta. Huma ddiskutew kif kien hemm diversi żgħażagħ li kienu jattendu fiċ-ċentri rispettivi tagħhom li kienu interessati li jagħmlu esperjenzi ta' xogħol volontarju f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Wara din id-diskussjoni Patri Karmenu Aquilina għamel l-ewwel kuntatti ma' Monsinjur Barbara, li huwa l-Isqof ta' Malindi fil-Kenja, fejn ġiet diskussa l-possibiltà li din ix-xewqa ssir realtà. It-tweġiba minn Monsinjur Barbara kienet fil-pożittiv, u dan kien il-punt tat-tluq sabiex il-grupp Karibu! Malta jifforma u jibdew attivitajiet ta' ġbir ta' fondi sabiex jiġu ffinanzjati proġetti ġewwa l-Kenja.

Infatti l-proġetti ta' Karibu! Malta sa issa huma dawn:



2013 – L-ewwel esperjenza ta' Karibu! Malta ġewwa l-Kenja bdiet fid-djoċesi ta' Malindi. Hawnhekk Karibu! Malta kien strumentali biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' binja li kienet se tintuża bħala uffiċini fid-djoċesi. Il-membri tal-grupp Karibu! Malta wrew ukoll l-interess li jżuru villaġġi foqra fejn permezz ta' fondi li jkunu ġabru setgħu jikkontribwixxu sabiex jibdew proġetti bl-intenzjoni li jgħinu lill-aktar nies fil-bżonn. Għalhekk Karibu! Malta żar ir-raħal ta' Kipangajeni. Huma kienu l-ewwel nies ta' karnaġġon abjad li qatt żaru u interaġixxew man-nies ta' dan il-villaġġ. Infatti, meta kienu hemmhekk, il-membri tal-grupp Karibu! Malta qattgħu xi ħin jiddiskutu fuq kif in-nies ta' Kipangajeni jgħixu u jqattgħu l-ġurnata tagħhom, kif ukoll lagħbu mat-tfal tal-villaġġ u raw kif jistgħu jgħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom.

2014 – Karibu! Malta rħielha għall-villaġġ ta' Ruiru, li jinsab viċin Nairobi, li hija l-belt kapitali tal-Kenja. Hemmhekk il-grupp Karibu! Malta għen lis-Soru Celine, li hija parti mill-komunità tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù ġewwa Ruiru. F'Ruiru, Karibu! Malta għen fit-tqassim tal-ikel, ilma u ħwejjeġ lil subien u anzjani li m'għandhomx post fejn jgħixu. Karibu! Malta għen ukoll fl-iffinanzjar ta' kċina għall-iskola biex ikun hemm spazju fejn ikunu jistgħu jippreparaw l-ikel għall-istudenti u għal dawk in-nies li m'għandhomx fejn joqogħdu.

2015 – Il-grupp Karibu! Malta pprovda l-finanzi neċessarji sabiex tinbena sala fir-raħal ta' Kipangajeni kif ukoll l-ewwel latrina pubblika. Mhux biss, iżda wkoll għenu fil-bini tas-sala. Din is-sala kienet l-ewwel binja tal-ġebel f'dan il-villaġġ, u bdiet tintuża għal bosta għanijiet. Dawn l-għanijiet huma: li tintuża bħala knisja, post fejn ilaqqgħu lit-tfajliet għat-tagħlim, klassi għat-tfal tar-raħal, kif ukoll post fejn jiltaqgħu n-nies tar-raħal.

2016 – F'din is-sena l-proġett kompla ma' dak tas-sena preċedenti, tant li nbnew żewġ klassijiet biswit is-sala, sabiex b'hekk titkompla l-ħidma fil-qasam edukattiv man-nies ta' Kipangajeni. Inbniet ukoll it-tieni latrina pubblika. Meta l-grupp kien qiegħed f'Kipangajeni biex jgħin fix-xogħol tal-bini, filwaqt li beda jinteraġixxi man-nies tal-lokal permezz ta' attivitajiet li saru, inħass il-bżonn li jsiru kanali madwar is-saqaf tas-sala li jkunu jagħtu għal ġo tank kbir, sabiex jinġema' l-ilma tax-xita f'dan it-tank u b'hekk in-nies tal-lokal ikollhom aċċess bla ħlas għall-ilma. Ukoll, bl-għajnuna tal-għotjiet f'Maratona Missjoni li saret f'Ġunju 2016, Karibu! Malta rnexxielu jiffinanzja ammont ta' bankijiet għal ġol-klassijiet, li nbnew sabiex b'hekk it-tfal ma jibqgħux jiktbu fuq irkopptejhom jew mal-art.



2017 – Il-proġett li se jibda din is-sena huwa ppjanat li jkun mifrux fuq tliet snin. Il-proġett ser isir fir-raħal ta' Mbaoni, li wkoll jagħmel parti mid-djoċesi ta' Malindi. Mbaoni huwa raħal primittiv li fih ma hemmx ilma, dawl jew xi tip ta' binjiet. It-trasport huwa ristrett ħafna, peress li Mbaoni huwa 'l bogħod minn Malindi, li huwa l-eqreb villaġġ. Fi Mbaoni hemm mat-tliet mitt tifel u tifla, li jattendu fi skola taz-zkuk u li qiegħda tiddeterjora iktar ma jgħaddi ż-żmien. F'din l-iskola, bħalma qalulna t-tfal infushom kif ukoll bħalma esperjenza l-grupp stess, it-tfal m'għandhomx bankijiet u siġġijiet. Għalhekk il-grupp Karibu! Malta qed jipproġetta li tul dawn it-tliet snin jagħti fondi u jgħin fil-bini ta' spiera għall-ilma, skola li tinkludi klassijiet mill-kindergarten sas-sekondarja, uffiċini għall-amministrazzjoni tal-iskola kif ukoll li tiġi mibnija u introdotta l-ewwel latrina pubblika ta' dan ir-raħal. Apparti hekk se jingħataw



ukoll bankijiet tal-iskola, li jiswew mal-ħamsa u sebgħin ewro kull bank, sabiex it-tfal ikollhom fuqiex jiktbu.

Għalhekk, jekk tkunu tixtiequ toffru l-għajnuna tagħkom kemm fl-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li jsiru matul is-sena u anki f'attivitajiet oħrajn fejn insiru nafu aktar lil xulxin, kif ukoll jekk tixtiequ tkunu parti mill-familja ta' Karibu! Malta, nitolbukom sabiex tagħmlu kuntatt permezz ta' Facebook fuq www.facebook.com/karibumalta, jew inkella tistgħu tibagħtu email lil karibumalta@gmail.com.

Nistiednu lil dawk l-individwi fostkom li tixtiequ tagħtu d-donazzjoni tagħkom għal proġetti simili, sabiex inkomplu ngħinu lill-ifqar fost il-fqar, biex tikkuntattjaw lil Karibu! Malta bl-imsemmija kuntatti jew inkella tagħtu d-donazzjoni tagħkom permezz tal-kont bankarju, li huwa BOV 4002159739 0.

Il-grupp Karibu! Malta jirringrazzja lil dawk l-individwi kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom, għaliex huwa biss permezz ta' dawn in-nies li l-imsemmija proġetti setgħu jsiru. Għalhekk Karibu! Malta huwa grat ħafna lejn dawn in-nies, għall-fiduċja u l-interess li dejjem urew. Grazzi mill-qalb!





Ittra miktuba mill-Em. Tiegħu l-Kardinal Dijonisju Tittamanzi, Arċisqof Emeritu ta' Milan
TRADUZZJONI TAL-KAV. JOE M. ATTARD

# EKU TAL-EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA *AMORIS LAETITIA* TAL-PAPA FRANĠISKU L-IMGĦALLEM HUWA QRIB DAWK TA' QALBHOM IMWEĠĠGĦA IT-TIELET PARTI

*Ittra tal-Kardinal Tettamanzi lil dawk il-koppji li qed jisseparaw, jiddivorzjaw jew se jibdew xi relazzjoni ġdida.*

Għeżież ħuti,

## Il-Kelma t'Alla dwar iż-żwieġ

Ġesù Kristu tkellem dwar iż-żwieġ b'mod hekk radikali li ssorprenda lill-istess dixxipli tiegħu, li wħud minnhom, wisq probabbli, kienu miżżewġin.

Kristu jafferma li r-rabta taż-żwieġ bejn raġel u mara ma tinħallx (cf. Mt. 19, 1-12) il-għaliex f'din ir-rabta jidher il-ħsieb oriġinali t'Alla għall-umanità, jiġifieri li l-bniedem mhux waħdu, li l-bniedem irid jgħix ħajja fidila u twila f'komunità. Din hi wara kollox il-ħajja li jgħix Alla l-imbierek, ħajja ta' mħabba, imħabba fidila li ma titħassarx, li tidher bħala raġġ ta' dawl fl-imħabba reċiproka bejn raġel u mara. U għalhekk, jikkonferma Ġesù, 'ma għadhomx tnejn, imma saru ġisem wieħed'. Dak li allura għaqqad Alla, m'għandux jifirdu l-bniedem. (Mt. 19, 6).

Minn dakinhar 'il quddiem il-Kelma ta' Ġesù ma waqfitx mument wieħed milli tipprovoka u tinkwieta lil dawk li semgħuha. Id-dixxipli ta' Ġesù ħassewhom skandalizzati minn din il-proposta tal-Imgħallem, u donnhom riedu jipprotestaw li jekk iż-żwieġ kien xi ħaġa daqshekk esiġenti u nobbli, allura kien aħjar li wieħed ma jiżżewweġ xejn. (Mt. 19, 10)

Imma Ġesù ma jħalliniex waħidna u jagħtina l-kuraġġ: min irid jifhem, ħa jifhem (cf. Mt. 19, 11); ħa jifhem li din l-esiġenza mhix hemm biex tbeżżagħna, imma biex turi għal liema kobor huwa msejjaħ il-bniedem skont il-ħsieb ta' Alla l-Ħallieq.

Dan il-kobor ikompli jistagħna meta dan il-patt taż-żwieġ ikun iċċelebrat fil-Knisja bħala sagrament, sinjal effikaċi tal-imħabba matrimonjali li tgħaqqad lil Kristu mal-Knisja tiegħu. Ġesù ma jitlobniex l-impossibbli, imma joffrilna lilu nnifsu bħala t-triq, il-verità u l-ħajja.

Il-kliem ta' Ġesù hu x-xhieda ta' kif huwa għex imħabbtu għalina; huwa l-uniku punt ta' referenza bla ma taqta' għall-Knisja tul iż-żminijiet kollha li qatt ma nstema' li tat l-awtorità biex tħoll l-għaqda taż-żwieġ sagrament, iċċelebrat b'mod validu fl-għaqda intima bejn il-miżżewġin li saru ġisem wieħed.

U huwa f'din l-ubbidjenza għall-Kelma ta' Kristu r-raġuni għaliex il-Knisja tikkonsidra impossibbli ċ-ċelebrazzjoni sagramentali tat-tieni żwieġ wara li tkun ġiet interrotta l-ewwel rabta taż-żwieġ.

## Għaliex wieħed ma jistax jitqarben

Mill-Kelma tal-Mulej stess toħroġ l-intenzjoni tal-Knisja fil-konfront ta' dawk il-koppji li reġgħu daħlu f'relazzjoni ġdida, li ma jistgħux jirċievu l-Ewkaristija.

U dan għaliex?

Għaliex fl-istess Ewkaristija għandna s-sinjal tal-imħabba ta' Kristu lejn iż-żwieġ, imħabba li ma tinħallx, u allura nkunu qed nikkontradixxu din l-imħabba meta koppja tiddeċiedi li tinfired u tibda relazzjoni ġdida.

Tridu tifhmu allura li l-liġijiet tal-Knisja ma jesprimux ġudizzju fuq il-valur tal-imħabba u l-kwalità tar-relazzjoni li tgħaqqad żewġ divorzjati li reġgħu żżewġu. Il-fatt li ħafna drabi dawn jgħixu ħajja responsabbli u mhux nieqsa mill-imħabba lejn l-ulied, din ir-realtà l-Knisja flimkien mar-raghajja tagħha tifhimha u

tagħrafha. Allura l-Knisja ma tgħaddix ġudizzju fuq dawn in-nies u fuq kif jgħixu, imma skont il-Liġi tal-Knisja, dawn il-koppji ma jistgħux jesprimu l-imħabba unika, fidila u li ma tinħallx li Kristu għandu lejn il-Knisja tiegħu.

Huwa ċar li n-norma li tagħtina d-dritt li nersqu lejn l-Ewkaristija mqaddsa ma tirreferix għall-miżżewġin fi kriżi, jew sempliċiment separati; skont id-dispożizzjonijiet spiritwali dawn jistgħu jersqu lejn is-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. Dan jista' jingħad ukoll għal dawk li kellhom inġustament jiddivorzjaw iżda xorta għadhom jikkunsidraw iż-żwieġ tagħhom fil-Knisja bħala l-uniku f'ħajjithom, u jridu jibqgħu fidili lejn il-partner tagħhom.

Huwa żbaljat li naħsbu li dawk li ddivorzjaw u reġgħu żżewġu issa huma esklużi mill-ħajja ta' fidi u mħabba li tgħix il-komunità Nisranija.

## Il-Ħajja tal-Fidi

Il-ħajja Nisranija tilħaq il-qofol tagħha meta n-Nisrani jieħu sehem sħiħ fl-Ewkaristija, iżda dan mhux biżżejjed. Bħal piramida, anke jekk din bla quċċata, xorta tibqa' valida u ma tiġġarrafx.

Għan-Nisrani, li wieħed ikun jista' jieħu sehem fil-quddiesa huwa tal-ikbar importanza u għandu tifsira tremenda, imma anke dawk li ma jistgħux jirċievu t-tqarbin imqaddes jistgħu jagħmlu parti mill-komunità ekkleżjali li tant hija għanja fi ħwejjeġ oħra.

Il-parteċipazzjoni fil-quddiesa tal-Ħadd iġġib magħha s-smigħ tal-Kelma t'Alla u s-sejħa komuni tal-Ispirtu s-Santu, li jgħinna ngħixu l-Kelma t'Alla waqt li nistennew il-miġja tal-Mulej Ġesù.



Fil-fatt l-istennija tal-Mulej u l-laqgħa tagħna miegħu huma l-qofol tal-fidi tagħna, kif tgħidilna l-Knisja fil-liturġija tagħha ta' qabel it-tqarbin: *waqt li qed nistennew il-miġja u t-tama tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu*. Fil-fatt Huwa diġà ġie, imma għad irid jerġa' jiġi biex jurina fil-milja kollha tagħha l-imħabba tiegħu għalina. Aħna diġà wlied Alla, imma dak li aħna tassew għad irid jidher fl-isplendur kollu tiegħu.

Nitlobkom għalhekk biex tieħdu sehem bil-fidi fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika anke jekk ma tistgħux tersqu għat-tqarbin, għax dan kollu jservikom bħala stimolu biex tintensifikaw l-istennija tagħkom għall-miġja tal-Imgħallem Divin u x-xewqa li tiltaqgħu miegħu personalment bis-sabiħ u l-ikrah tal-ħajja. Ma ninsew qatt: il-quddiesa fin-natura tagħha ġġib magħha għaqda spiritwali li tgħaqqadna mal-Mulej, u fih aħna ningħaqdu ma' ħutna kollha li huma mdawrin mal-mejda tiegħu.

F'ittra reċenti li kiteb il-Papa Benedittu XVI, wara li kkonferma li dawk li ddivorzjaw u reġgħu żżewġu ma jistgħux jersqu għat-tqarbin, jissokta jgħid li huma, iżda, għalkemm jinsabu f'dak l-istat, xorta jibqgħu parti mill-Knisja, li lilhom issegwi b'ċerta attenzjoni, bix-xewqa li dawn ikomplu jikkultivaw fihom stil ta' ħajja Kristjana billi jieħdu sehem fil-quddiesa, għalkemm ma jirċevux it-tqarbin imqaddes, jisimgħu l-Kelma t'Alla, jieħdu sehem fil-ħajja komunitarja, fl-adorazzjoni ewkaristika, jidħlu fi djalogu ma' direttur spiritwali, jagħmlu xi opri ta' karità waqt li jimpenjaw ruħhom fl-edukazzjoni ta' wliedhom. (*Sacramentum caritatis*, 22.2.07, n. 29; Regno-doc. 7, 2007.203)

Nitlobkom, għalhekk, intom li ddivorzjajtu u rġajtu żżewwiġtu, biex ma titbegħdux mill-ħajja tal-fidi u mill-ħajja tal-Knisja.

Nitlobkom tieħdu sehem fil-quddiesa fil-jum tal-Ħadd.

Għalikom ukoll hija mmirata s-sejħa li niġġeddu fil-ħajja li tana l-Ispirtu s-Santu.

Għad-dispożizzjoni tagħkom ukoll huma l-mezzi tal-grazzja t'Alla.

Minnkom il-Knisja tistenna preżenza attiva u li tkunu lesti li tgħinu lil min għandu bżonn l-għajnuna tagħkom.

Hawnhekk qed naħseb fil-bżonn kbir li għandhom ħafna minnkom bħala ġenituri fl-edukazzjoni tal-ulied u fil-kuntatt li tridu żżommu mal-familjari li kellkom qabel isseparajtu.

Taħbat ma' moħħi wkoll ix-xhieda sempliċi imma forsi xi ftit sofferta tal-ħajja Nisranija tagħkom fidila lejn it-talb u l-karità.

U mill-ġdid nerġa' naħseb kif intom, mill-esperjenza konkreta tagħkom, tistgħu tkunu ta' għajnuna lil xi ħbieb tagħkom li għaddejjin mill-istess mumenti u sitwazzjonijiet bħal tagħkom.

Partikolarment naħseb fil-qagħda ta' wħud minnkom li kif kiteb il-Papa Ġwanni Pawlu II: *Inħossuna fid-dmir li nifhmu l-valur tax-xhieda li qed jagħtu dawk l-individwi li għalkemm abbandunahom il-partner, bis-saħħa tal-fidi u t-tama Kristjana ma reġgħux għaddew għal xi relazzjoni oħra; dawn in-nies qed jagħtu xhieda awtentika ta' fedeltà li tant għandha bżonn id-dinja tal-lum. Minħabba f'hekk dawn għandhom isibu l-kuraġġ u l-għajnuna tar-ragħajja u l-fidili tal-Knisja.* (*Familiaris consortio*, 22.II.1981, n. 20; EV7/1588).

Magħkom ilkoll, filwaqt li nagħmel tiegħi l-kelmiet tal-isqfijiet tal-Knisja fil-Lombardija, nitlob lill-Ispirtu s-Santu biex 'jispirana bil-ġesti u s-sinjali profetiċi li juru biċ-ċar lil kulħadd li ħadd mhu eskluż mill-ħniena ta' Alla, u li ħadd mhu abbandunat minn Alla, imma għall-kuntrarju Alla jħobbu u jiġri warajh. Il-fatt li nħossuna maħbuba jagħmel l-impossibbli possibbli! (*Lettera alle famiglie*, 22.9.2001, n. 28; cf. Regno-doc. 19, 2001, 600).

## Il-Mulej, li qiegħed f'nofsna, huwa qrib tagħkom

Niġi biex nagħlaq din l-ittra tiegħi, li biha fittixt li nkun qrib tagħkom, għeżież koppji li għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli, ta' kriżi, ta' separazzjoni, jew li rġajtu żżewwiġtu ċivilment wara d-divorzju.

M'iniex qed nippretendi li fhimt dak kollu li hemm fil-qalb tagħkom, jew li rnexxieli nwieġeb għad-domandi kollha li stajtu għamiltu.

Nemmen iżda li tajna bidu għal djalogu li bih nifhmu lil xulxin b'iktar imħabba u verità. Nispera li dan id-djalogu jissokta bis-sempliċità u l-imħabba li ggwidawni biex nikteb din l-ittra. Mezz essenzjali ħafna jista' jkun il-kuntatt mas-saċerdoti tagħkom.

Nistedinkom tavviċinawhom, tfittxuhom, titkellmu magħhom u tafdaw fihom. Għal xi wħud minnkom forsi mhux daqstant faċli li tibnu relazzjoni sabiħa mal-Knisja qabel ma tkunu tkellimtu bil-libertà u s-sinċerità kollha ma' xi saċerdot li jgawdi l-fiduċja tagħkom.

Titolbux lis-saċerdoti jsibulkom soluzzjonijiet faċli jew xi triq superfiċjali. Fis-saċerdot fittxu li ssibu lil ħutkom li jgħinukom tifhmu u tgħixu bis-sempliċità r-rieda t'Alla; magħkom dawn jafu jisimgħu l-Kelma t'Alla, li hija esiġenti imma li tagħti l-ħajja. Dawn jgħinukom, anke f'dawk il-mumenti diffiċli, li tibqgħu mexjin magħqudin mal-Knisja.



Permezz tad-djalogu nawguralkom li tiltaqgħu ma' koppji u familji Nsara li għanja fil-fidi u fl-umanità jilqgħukom, jisimgħukom u jimxu magħkom fit-triq li lkoll kemm aħna mistennija li nimxu fil-ħajja, jiġifieri dik li nħobbu lil Alla u lill-proxxmu.

Tassew ninsab grat li verament ilqajtuni fi djarkom.

Nitlob magħkom lil Alla biex jagħtina dejjem il-qawwa biex flimkien bħala aħwa fl-istess Knisja nħossuna ċerti u mimlija kuraġġ *li l-Mulej huwa viċin dawk ta' qalbhom muġugħa* (Salm 34, 19), *u li mħabbtu hija dejjem f'nofsna!*

Mill-belt ta' Milan fl-Epifanija tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu

**Il-Kardinal Dionigi Tettamanzi** (Arċisqof ta' Milan)

*Miġjuba fi lsienna mill-**Kav. Joe M. Attard***



Kompetizzjoni

FR WISTIN ATTARD OFMCAP

# ROKNA GĦAT-TFAL

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

## ANNIMALI FIL-BIBBJA (1) NRU 38

| | | |
|---|---|---|
| BAQRA | ĦMAR | LUPU |
| FENEK | ILJUN | NAGĦĠA |
| ĠEMEL | KELB | ORS |
| GENDUS | KUKKUDRILL | VOLPI |
| GIDI | LEOPARD | XADINI |
| GĦAŻŻIELA | LIFGĦA | ŻIEMEL |
| ĦARUF | LIEBRU | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | E | M | E | I | Ż | V | G | B | A | F | K | D |
| B | Λ | Q | V | S | O | I | E | L | H | U | Ħ | P |
| M | L | E | G | L | D | Ġ | N | E | K | T | Ż | R |
| Ħ | E | S | P | I | O | E | D | K | U | D | N | A |
| N | M | I | X | A | D | R | U | R | L | U | U | M |
| L | E | O | P | A | R | D | S | U | J | Ċ | R | Ħ |
| N | Ġ | X | F | S | R | U | Ċ | L | P | U | B | L |
| A | B | G | Ħ | I | K | F | I | K | E | N | E | F |
| G | A | I | L | A | E | S | T | N | B | M | I | E |
| Ħ | Ċ | L | R | G | Ħ | A | Ż | Ż | I | E | L | A |
| Ġ | E | Q | U | T | W | I | K | A | P | D | S | Ċ |
| A | A | W | I | P | N | L | I | F | G | Ħ | A | W |
| B | S | K | Ċ | F | U | R | A | Ħ | I | B | T | X |

## TISLIBA NRU 157



1. Bħal dawn tal-Libanu. (S. 37, 35) (5)
2. Il-qassisin kellhom sebgħa. (Ġoż. 6, 4) (6)
3. Ibati mingħajrha. (1 Pt. 2, 19) (5)
4. Hekk għamlu lill-mantar. (Imħ. 8, 25) (5)
5. Meta kaxkruni… (Tob. 1, 10) (4)
6. F'isem is-sultan… il-Lhud. (Est. 8, 8) (5)
7. Lejn min resaq Kaleb. (1 Kron. 2, 24) (5)
8. Talbu lil Pilatu jneħħu dawn. (Ġw. 19, 31) (5)
9. Il-materjal tal-istrument. (1 Kor. 13, 1) (3)
10. Kienu jieklu u… (Mt. 24, 38) (7)
11. u 12. Hekk imqar jekk issemmih. (Efes. 5, 12) (6)
13. Minn liema ġens kienet ommok. (Eżek. 16, 3) (6)
14. Daqskieku missier ma' wliedu. (1 Tess. 2, 11) (5)
15. X'jiġrilha l-art malli jmissha. (Għam. 9, 5) (5)
16. Hekk agħmel lis-sodda. (Atti 9, 34) (5)
17. Tibżax u iżjed minn thenna. (Ġoel 2, 21) (5)
18. Ġifen b'dawn. (Is. 33, 21) (7)
19. X'kellu l-bodbod bejn għajnejh. (Dan. 8, 5) (4)
20. Kif inti… (2 Tim. 1, 15) (3)
21. Ma għandniex x'nieħdu ma' bin Ġesse. (2 Sam. 20, 1) (5)
22. L-ewwel wild ta' Ġawan. (Ġen. 10, 4) (5)

### Soluzzjoni għal Tisliba #156

1. Ġirja; 2. Ħtaftu; 3. Jibki; 4. Siġra; 5. Ħajt; 6. Simna; 7. Ittri; 8. Ibati; 9. Jaf; 10. Keretin; 11. u 12. Kubrit; 13. Imnara; 14. Ixħet; 15. Allat; 16. Fissi; 17. Bejta; 18. Xakalli; 19. Kbir; 20. Noè; 21. Elija; 22. Saret

Agendabookshop

**Ir-rebbieħa tax-xahar ta' April 2017**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED.**
Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill 15 tax xahar.
Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni - **AĦSEB U WIEĠEB** tal-ħarġa Mejju 2017, hija: **Sr Bernardette Xuereb** - 14, Monasteru Sta Skolastika - Triq Sta Skolastika - IL-BIRGU BRG 1445. Ir rebbieħa tat **TISLIBA # 156** ta' Mejju 2017 hija **Jane Falzon** 92, Isouard Street IL MARSA - MRS 2014. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrificċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

**2. Ibagħtulna bolol u telecards użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol u *telecards* użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5 għall-missjoni.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; San Ġiljan; parti minn Birkirkara; parti minn Tas-Sliema; l-Isla; Marsaskala; parti mill-Marsa u San Ġwann.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052